Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **ID-DIRETTIVA 2002/49/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tal-25 ta' Ġunju

li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali

(ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008	L 311	1	21.11.2008
►M2	Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/996 tad-19 ta' Mejju 2015	L 168	1	1.7.2015

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 5, 10.1.2018, p. 35 (2015/996)

▼B

ID-DIRETTIVA 2002/49/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ġunju

li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali

Artikolu 1

Objettivi

1. L-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu li jiddeffinixxu resqien komuni intiż biex jevita, jipprevjeni jew inaqqas fuq bażi prioritizza tal-effetti ta' ħsara, inkluż id-dwejjaq, minħabba l-espożizzjoni lejn ħsejjes ambjentali. Għal dak il-għan dawn l-azzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu implementati progressivament:

(a) id-determinazzjoni ta' l-espożizzjoni tal-ħsejjes ambjentali, permezz ta' mappep tal-ħsejjes, b'metodi ta' kalkoli komuni għall-Istati Membri;

(b) jassiguraw li l-informazzjoni dwar il-ħsejjes ambjentali u l-effetti tagħhom ikunu disponibbli lejn il-pubbliku;

(ċ) l-adozzjoni ta' pjanti ta' azzoni mill-Istati Membri, ibbażati fuq ir-riżultati tal-immappjar tal-ħsejjes, bil-għan tal-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsejjes ambjentali, meta meħtieġ, u partikolarment meta l-livelli ta' l-espożizzjoni jistgħu jinduċu effetti ta' ħsara fuq is-saħħa umana u biex jippreservaw il-kwalità tal-ħsejjes ambjentali meta dawn ikunu ta' ġid.

2. Din id-Direttiva għandha timmira wkoll biex tipprovdi bażi għall-iżvilupp ta' miżuri Komunitarji biex jitnaqqas il-ħoss emiss minn sorsi maġġuri, partikolarment vetturi tat-triq u ta' fuq il-linji, u l-infrastruttura, l-ajruplani, l-apparat tal-beraħ u industrijali u l-makkinarju ambulanti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill, mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2006, proposti leġislattivi xierqa. Dawk il-proposti għandhom jiehdu akkont tar-riżultati tar-rapport riferit fl-Artikolu 10(1).

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tkun tapplika għal ħsejjes ambjentali li l-bnedmin huma esposti għalihom partikolarment f'żoni mibnija u f'parkeġġi pubbliċi u żoni oħrajn kwieti f'agglomerazzjoni, f'żoni kwieti fil-kampanja miftuħa, ħdejn l-iskejjel, l-isptarijiet u bini u żoni oħrajn sensittivi għall-ħsejjes.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tkun tapplika għal ħsejjes maħluqa mill-persuna esposta nnifisha, ħsejjes minn attivitajiet domestiċi, ħsejjes maħluqa mill-qraba, ħsejjes fil-postijiet tax-xogħol jew ħsejjes fl-intern ta' trasport jew minħabba l-attivitajiet militari f'żoni tal-militar.

▼B

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) “ħoss ambjentali” għandu jfisser il-ħsejjes mhux mitluba jew ta' ħsara fl-apert maħluqa mill-attivitajiet umani, inklużi l-ħsejjes emissi minn mezzi tat-trasport, traffiku fit-triq, traffiku tal-ferroviji, traffiku ta' l-ajru, u minn siti ta' l-attivita industrijali bħalma huma dawk definiti fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembu 1996 li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis ([1]);

(b) “effetti ta' ħsara” għandha tfisser l-effetti negattivi fuq is-saħħa umana;

(ċ) “dwejjaq” għandha tfisser il-grad tad-dwejjaq tal-ħoss komunitarju kif iddeterminat permezz ta' studju fil-lokal;

(d) “indikatur tal-ħoss” għandha tfisser l-iskala fiżika għad-deskrizzjoni tal-ħoss ambjentali, li jkollurelazzjoni ma l-effett ta' ħsara;

(e) “studju” għandu jfisser il-metodu użat għall-kalkolazzjoni, t-tbassir, l-estimi jew il-kejl tal-valur ta' l-indikatur tal-ħoss jew ta' l-effetti ta' ħsara kif relattati;

(f) “Ljal” (l-indikatur tal-ħoss tal-jum-fil-għaxija-l-lejl) għandu jfisser l-indikatur tal-ħoss għal dwejjaq globali, bħal ma aktar definit fl-Anness I;

(g) “Ljum” (l-indikatur tal-ħoss tal-jum) għandu jfisser l-indikatur tal-ħoss għal dwejjaq ma tul il-perijodu tal-jum, bħal ma aktar definit fl-Anness I;

(h) “Lgħaxija” (l-indikatur tal-ħoss ta' fil-għaxija) għandu jfisser l-indikatur tal-ħoss għal dwejjaq ma tul il-perijodu ta' fil-għaxija, bħal ma aktar definit fl-Anness I;

(i) “Llejl” (l-indikatur tal-ħoss tal-lejl) għandu jfisser l-indikatur tal-ħoss għal dwejjaq waqt l-irqad, bħal ma aktar definit fl-Anness I;

(j) “ir-relazzjoni ta' doża-effett” għandha tfisser ir-relazzjoni bejn il-valur ta' l-indikatur tal-ħoss u l-effett ta' ħsara;

(k) “agglomerazzjoni” għandha tfisser il-parti ta' territorju, delimitat mill-Istat Membru, li jkollu popolazzjoni f'eċċess ta' 100 000 persuna u densità tal-popolazzjoni hekk li l-Istat Membru jqis li din tkun żona urbanizzata;

([1]) ĠU L 257, ta' l-10.10.1996, p. 26.

▼B

(l) “agglomerazzjoni f'żona kwieta” għandu jfisser żona, delimetata mill-awtorità kompetenti, per eżempju, lima tistax tkun esposta għal valur Ljal jew xi indikatur ieħor xieraq akbar minn ċertu valur kif stabbilit mill-Istat Membru, minn xi sorsi tal-ħsejjes;

(m) “żona kwieta fil-kampanja miftuħa” għandha tfisser żona, delimetata mill-awtorità kompetenti, li ma hixdisturbata bil-ħoss tat-traffiku, l-industrija jew l-attivitajiet rekreattivi;

(n) “triq maġġuri” għandha tfisser triq reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, iddesinjata mill-IstatMembru, li jkollha passaġġi ta' aktar minn tlett miljun vettura fis-sena;

(n) “ferrovija maġġuri” għandha tfisser ferrovija, iddesinjata mill-Istat Membru, li jkollha passaġġi ta' aktarminn 30,000 ferrovija fis-sena;

(p) “ajruport maġġuri” għandu jfisser ajruport ċivili, iddisinjat mill-Istat Membru, li jkollu aktar minn 50 000 ċaqlieqa kull sena (ċaqlieqa tfisser it-tluq jew l-inżul), esklużi dawk purament għall-iskopijiet ta' taħriġ fuq ajruplani żgħar;

(q) “l-immappjar tal-ħsejjes” għandu jfisser il-preżentazzjoni ta' l-informazzjoni f'sitwazzjoni ta' ħsejjeseżistenti jew imbassra fit-termini ta' l-indikatur tal-ħoss, li jindika l-ksur ta' xi limiti ta' valur eżistenti, in- numru ta' nies affettwati f'ċerta żona, jew in-numru ta' abitazzjonijiet esposti għal ċerti valuri ta' l- indikatur tal-ħsejjes f'ċerta żona;

(r) “mappa strateġika tal-ħsejjes” għandha tfisser il-mappa ddisinjata għal studju globali ta' l-esposizzjoni tal-ħsejjes f'żona partikolari lejn sorsi differenti tal-ħoss jew għal tbassir globali għal żona bħal dik;

(s) “valur ta' limiti” għandu jfisser il-valur *Ljal* jew *Llejl*, u meta xieraq *Ljum* u *Lgħaxija*, kif iddeterminat mill-Istat Membru, li l-eċċess tiegħu iġiegħel lill-awtoritajiet kompetenti li jikkonsidraw jew li jinforzaw miżuri ta' mitigazzjoni; valuri ta' limiti jistgħu jkunu differenti għal tipi differenti ta' ħsejjes (ħsejjes tat- triq, tal-ferrovija, tat-traffiku ta' l-ajru, ħsejjes industrijali, eċċ.), inħawi differenti u sensittività differenti tal-ħsejjes tal-popolazzjonijiet; dawn jistgħu ikunu wkoll differenti għal sitwazzjonijiet eżistenti u għal sitwazzjonijiet ġodda (meta jkun hemm tibdil fis-sitwazzjoni rigward is-sorsi tal-ħsejjes jew l-użu tal- madwar);

(t) “pjanijiet ta' azzjoni” għandha tfisser il-pjanijiet iddissinjati għall-ġestjoni ta' suġġetti u effetti tal-ħsejjes, inkluż it-tnaqqis tal-ħoss meta jkun meħtieġ;

▼B

(u) “ippjanar akustiku” għandu jfisser il-kontroll ta' ħsejjes fil-futur b'miżuri ppjanati, bħal ma huma l-ippjanar ta' l-użu ta' l-art, sistemi ta' l-inġinerija tat-traffiku, ippjanar tat-traffiku, tnaqqis b'miżuri ta' l-insulazzjoni kontra l-ħoss u l-kontroll tal-ħsejjes mis-sorsi;

(v) “il-pubbliku” għandu jfisser wieħed jew aktar persunali naturali jew legali u, bi qbil mal-leġislazzjoni jew prattika nazzjonali, l-asoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew gruppi tagħhom.

Artikolu 4

Implementazzjoni u responsabbilitajiet

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw, fil-liveli xierqa, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-korpi responsabbli għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi l-awtoritajiet responsabbli għal:

(a) biex jagħmlu u, meta relevanti, japprovaw mappep tal-ħsejjes u pjanijiet ta' azzjoni għall-agglomerazzjonijiet, toroq maġġuri, ferroviji maġġuri u arjuporti maġġuri;

(b) ġabra ta' mappep tal-ħsejjes u pjanijiet ta' l-azzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni riferita fil-paragrafu 1 disponibbli lejl il-Kummissjoni u lejn il-publiku mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2005.

Artikolu 5

L-indikaturi tal-ħsejjes u l-applikazzjoni tagħhom

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-indikaturi tal-ħsejjes *Ljal* u *Llejl* kif imsemmija fl-Anness I għat-tħejjijau r-reviżjoni ta' mappep strateġiċi tal-ħsejjes bi qbil ma l-Artikolu 7.

Sakemm l-użu komuni tal-metodi tal-istudjar għad-determinazzjoni ta' *Ljal* u *Llejl* isir obligatorju, l-indikaturi nazzjonali eżistenti tal-ħoss u l-informazzjoni relatata jistgħu jkunu wżati mill-Istati Membri għal dan l-iskop u għandhom ikunu kkonvertiti fl-indikaturi msemmija hawn fuq. Din l-informazzjoni m'għandiex tkun antika aktar minn tlett snin.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-indikaturi supplementi tal-ħoss għal każi speċjali bħal ma huma dawk elenkati fl-Anness I(3).

3. Għall-ippjanar akustiku u l-aggruppar taż-żoni tal-ħsejjes, l-Istati Membri jistgħu jużaw indikaturi tal- ħsejjes l-oħrajn apparti milli *Lja*l u *Llejl.*

▼B

4. Mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2005, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni lejn il- Kummissjoni dwar xi limiti ta' valuri relevanti li jkunu eżistenti fit-territorji tagħhom jew li jkunu jiġu preparati, espressi fit-termini *Ljal* u *Llejl*, u fejn xieraq, *Ljum* u *Lgħaxija*, għall-ħsejjes tat-traffiku fit-toroq, ħsejjes għal traffiku bil-ferroviji, ħsejjes ta' l-ajruplanti ma dwar l-ajruporti u ħsejjes minn siti ta' attivita industrijali, flimkien ma spjegazzjonijiet rigward l-implementazzjoni tal-valuri limitanti.

Artikolu 6

Metodi ta' studji

1. Il-valuri *Ljal* u *Llejl* għandhom ikunu detterminati permezz tal-metodi tal-istudju kif definit fl-Anness II.

▼M1

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' reviżjoni ta' l-Anness II, tistabbilixxi metodi komuni ta' l-istudju għad-determinazzjoni ta' Ljal u Llejl. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3). Sakemm dawn il-metodi jkunu adottati, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-metodi ta' l-istudji adottati skond l-Anness II u bbażati fuq il-metodi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni proprja tagħhom. F'każi bħal dawn, l-Istati Membri għandhom juru li dawk il-metodi jagħtu riżultati ekwivalenti għar-riżultati akwistati bil-metodi stabbiliti fil-paragrafu 2(2) ta' l-Anness II.

▼B

3. Effetti ta' ħsara jistgħu jkunu mkejla permezz tar-relazzjonijiet taddoża-effett imsemmija fl-Anness III.

Artikolu 7

Immappjar strateġiku tal-ħsejjes

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007, mappep strateġiċi tal- ħsejjes li juru s-sitwazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti jkunu ntagħmlu u, meta relevanti, approvati mill-awtoritajiet kompetenti, għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' aktar minn 250 000 abitanti u għat-toroq maġġuri kollha li jkollhom aktar minn sitt miljun passaġġi ta' vetturi fis-sena, ferroviji maġġuri li jkollhom aktar minn 60,000 passaġġi ta' ferroviji fis-sena u ajruporti maġġuri fit-territorji tagħhom.

Mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2005, u wara dak, darba kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bit-toroq maġġuri li jkollhom aktar minn sitt miljun passaġġ ta' vetturi fis-sena, ferroviji maġġuri li jkollhom aktar minn 60 000 passaġġi ta' ferroviji fis-sena, ajruporti maġġuri u l- agglomerazzjonijiet b'aktar minn 250 000 abitant fi ħdan it-territorji tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012, u wara dak, darba kull ħames snin, mappep strateġiċi tal-ħsejjes li juru s-sitwazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti, jkunu saru u, meta relevanti, approvati mill-awtoritajiet kompetenti għall-aglomerazzjonijiet kollha u għat-toroq maġġuri kollha u l-ferroviji maġġuri kollha fit-territorji tagħhom.

▼B

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-agglomerazzjonijiet kollha, bit-toroq maġġuri kollha u bil-ferroviji maġġuri kollha fit-territorji tagħhom.

3. Il-mappep strateġiċi tal-ħsejjes għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet minimi stabbiliti fl-Anness IV.

4. L-Istati Membri tal-qrib għandhom jikkoperaw dwar il-mappep strateġiċi tal-ħsejjes qrib il-fruntieri tagħhom.

5. Il-mappep strateġiċi tal-ħsejjes għandhom jiġu riveduti, u mibdula jekk meħtieġ, mill-anqas darba kull ħames snin wara d-data tal-preparazzjoni tagħhom.

Artikolu 8

Pjanijiet ta' l-azzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2008 l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħejjew il-pjanijiet ta' l-azzjoni li jkunu nominati biex jamministraw, fit-territorji tagħhom, il-kwistjonijiet u l-affetti tal-ħsejjes, inkluż it-tnaqqis tal-ħsejjes jekk meħtieġ għal:

(a) postijiet qrib it-toroq maġġuri li jkollhom aktar minn sitt miljun passaġġ ta' vetturi fis-sena, ferroviji maġġuri li jkollhom aktar minn 60 000 passaġġ ta' ferroviji fis-sena u ajruporti maġġuri;

(b) agglomerazzjonijiet b'aktar minn 250 000 abitanti. Pjanijiet bħal dawn għandhom ukoll jimmiraw li jipprotieġu żoni kwieti kontra żieda fil-ħsejjes.

Il-miżuri fi ħdan il-pjanijiet huma fid-deskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, imma għandhom primarjament jindirizzaw il-prijoritajiet li jistgħu jkunu identifikati bl-eċċess ta' xi valuri limitanti relevanti jew b'xi kriterja oħra magħżula mill-Istati Membri u japplikaw partikolarment għaż-żoni l-aktar importanti kif stabbiliti bl-immappjar strateġiku tal-ħsejjes.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2013, l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħejjew pjanijiet ta' azzjoni primarjament biex jindirizzaw prijoritajiet li jistgħu jkunu identifikati bl-eċċess tal-valuri limitanti jew b'xi kriterja oħra magħżula mill-Istati Membri għall-aglomerazzjonijiet u għal toroq maġġuri kif ukoll għal ferroviji maġġuri fit-territorji tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-kriterja relevanti l-oħra riferita fil-paragrafi 1 u 2.

4. Il-pjanijiet ta' l-azzjoni għandhom jilħqu l-ħtiġiet minimi ta' l-Anness V.

5. Il-pjanijiet ta' l-azzjoni għandhom jiġu riveduti, u mibdula jekk meħtieġ, kulmeta żviluppi maġġuri jseħħu li jaffettwaw is-sitwazzjoni eżistenti tal-ħsejjes, u mill-anqas darba kull ħames snin wara d-data ta' l-approvazzjoni tagħhom.

▼B

6. L-Istati Membri tal-qrib għandhom jikkoperaw dwar il-pjanijiet ta' l-azzjoni qrib il-fruntieri tagħhom.

7. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-pubbliku jkun ikkonsultat rigward il-proposti għall-pjanijiet ta' l- azzjoni, li jkunu mogħtija opportunitajiet effettivi kmieni biex jipparteċipaw fit-tħejjija tagħhom u fir- reviżjoni tal-pjanijiet ta' l-azzjoni, li jirriżultaw minn dik il-parteċipazzjoni tkun kunsidrata u li l-pubbliku jkun infurmat bid-deċiżjoni meħudha. Qafas ta' żmien raġjonevoli għandhom ikunu provduti li jippermettu żmien suffiċċjenti għal kull stadju tal-parteċipazzjoni pubblika.

Jekk l-obligazzjoni għat-twettieq tal-proċedura tal-parteċipazzjoni pubblika toriġina simultanjament minn din id-Direttiva u minn xi leġislazzjoni oħra tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal proċeduri konġunti sabiex jevitaw duplikazzjoni.

Artikolu 9

Informazzjoni lejn il-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-mappep strateġiċi tal-ħsejjes li huma jkunu għamlu, u meta xieraq adottaw, u il-pjanijiet ta' l-azzjoni li huma jkunu ħejjew, ikunu disponibbli u mqassma lil-pubbliku bi qbil mal-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE tas-7 ta' Ġunju 1990 rigward il-liberta ta' l-aċċess ta' l-informazzjoni dwar l-ambjent ([1]), u b'konformità ma l- L-Annessi IV u V ta' din id-Direttiva, inkluż permezz tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni li jkunu disponibbli.

2. Din l-informazzjoni għandha tkun ċara, komprensibbli u aċċessibbli. Sommarju li juri il-punti l-aktar importanti għandu jkun ipprovdut.

Artikolu 10

Il-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni

1. Mhux aktar tard mit-18 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lejn il-ParlamentEwropew u lejn il-Kunsill li jkun fih rivista tal-miżuri eżistenti tal-Komunità li jirrigwardjaw is-sorsi tal-ħsejjes ambjentali.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-informazzjoni minn mappep strateġiċi tal-ħsejjes u sommarji tal-pjanijiet ta' l-azzjoni kif imsemmija fl-Anness VI ikunu mibgħuta lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-datistabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 rispettivament.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi database ta' l-informazzjoni dwar il-mappep strateġiċi tal-ħsejjessabiex tiffaċilita t-tħejjija tar-rapport riferit fl-Artikolu 11 u x-xogħol tekniku u informattiv l-ieħor.

4. Darba kull ħames snin il-Kummissjoni għandha tippublika rapport sommarju mill-informazzjoni tal- mappep strateġiċi tal-ħsejjes u mill-pjanijiet ta' l-azzjoni. L-ewwel rapport għandu jkun ippreżentat sat-18 ta' Lulju 2009.

([1]) ĠU L 158, tat-23.6.1990, p. 56.

▼B

Artikolu 11

Reviżjoni u rappurtaġġ

1. Mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill rapport dwar l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Dan ir-rapport għandu partikolarment jassessja l-ħtieġa għal aktar azzjonijiet mill-Komunità dwar il-ħsejjes ambjentali u, jekk xieraq, jipproponi strateġiji ta' l-implementazzjoni dwar aspetti bħal ma huma:

(a) miri ta' termini fit-tul u termini medji għat-tnaqqis tan-numru ta' persuni li jkunu affetwati ħażin mill- ħsejjes ambjentali, billi partikolarment jittieħed akkont tal-klimi differenti u tal-kulturi differenti;

(b) miżuri addizzjonali għat-tnaqqis tal-ħsejjes ambjentali li jkunu emissi minn sorsi speċifiċi, partikolarment fit-tgħamir tal-beraħ, il-mezzi u l-infrastruttura tat-trasport u ċerti kategoriji ta' attività industrijali, jkomplu jibnu fuq dawk il-miżuri diġa implementati jew waqt id-diskussjoni għall-adottazzjoni;

(ċ) il-protezzjoni ta' żoni kwieti fil-kampanja miftuħa.

3. Ir-rapport għandu jinkludi reviżjoni tal-kwalità akustika ambjentali fil-Komunità li tkun ibbażata fuq l- informazzjoni riferita fl-Artikolu 10 u għandu jieħu akkont tal-progress xjentifiku u tekniku u ta' xi informazzjoni relevanti oħra. It-tnaqqis ta' l-effetti ta' ħsara u r-relattività ta' l-effettività ta' l-ispiża għandhom ikunu l-kriterja ewlenija fil-għażla ta' l-istrateġija u l-miżuri proposti.

4. Meta l-Kummissjoni tkun irċeviet l-ewwel sett ta' mappep strateġiċi tal-ħsejjes, din għandha tikkunsidra:

— il-possibbilità għal għoli ta' 1,5 metri ta' kejl fl-Anness I, il-paragrafu 1, fir-rigward ta' żoni li jkollhom djar b'sular wieħed,

— il-limitu l-aktar baxx għall-kalkolazzjoni tan-numru ta' persuni esposti għal medded differenti ta' *Ljal* u *Llejl* fl-Anness VI.

5. Ir-rapport għandu jkun rivedut darba kull ħames snin jew aktar ta' spiss jekk ikun xieraq. Dan għandu jkun fih studju dwar l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva.

6. Ir-rapport għandu, jekk xieraq, ikun akkumpanjat bi proposti għall-emendi ta' din id-Direttiva.

▼M1

Artikolu 12

Adattament għall-progress tekniku u xjentifiku

Il-Kummissjoni għandha tadatta l-Anness I, il-punt 3, l-Anness II u l-Anness III ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku u xjentifiku. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3).

▼B

Artikolu 13

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tar-Regolament 2000/14/KE.

▼B

2. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu applikabbli, wara li jkunu kunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) ta' Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

▼M1

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼B

Artikolu 14

Transposizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamentui u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mit-18 ta' Lulju 2004. Għandhom jinformaw b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal dik fl-okkażjoni tal-pubblikazjoni uffiċjali tagħhom. Il- metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet* Ewropej.

Artikolu 16

Indirizzati

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

L-ANNESS I

INDIKATURI TAL-ĦSEJJES

imsemmija fl-Artikolu 5

1. **Definizzjoni tal-livell jum(day)-fil-għaxija(evening)-lejl(night) Ljal(Lden)**

Il-livell jum(day)-fil-għaxija(evening)-lejl(night) Ljal(Lden) f'deċibali (dB) huwa definit b'din il-formula li ġejja:

$$L_{den} = 10 \lg \frac{1}{24} \left(12 * 10^{\frac{L_{day}}{10}} + 4 * 10^{\frac{L_{evening}+5}{10}} + 8 * 10^{\frac{L_{night}+10}{10}} \right)$$

li fiha:

— Ljum hija l-medja ta' terminu fit-tul A-mogħbbija tal-livell tal-ħoss kif definit fil ISO 1996-2: 1987, determinata ma tul il-perijodi kollha tal-jum ta' sena,

— L-għaxija hija l-medja ta' terminu fit-tul A-mogħbbija tal-livell tal-ħoss kif definit fil ISO 1996-2: 1987, determinata ma tul il-perijodi kollha ta' l-għaxijiet ta' sena,

— Llejl hija l-medja ta' terminu fit-tul A-mogħbbija tal-livell tal-ħoss kif definit fil ISO 1996-2: 1987, determinata ma tul il-perijodi kollha ta' lejn ta' sena;

li fiha:

— jum huwa 12 il-siegħa, il-għaxija hija erba siegħat u l-lejn huwa tmien sighat. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-perijodu ta' fil-għaxija b'siegha waħda jew tnejn u jtawwlu l-perijodu tal-jum u/jew tal-lejl kif xieraq, basta li din l-għażla tkun l-istess għas-sorsi kollha u li dawn jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar xi differenza sistematika mil-għażla kontumaċja,

— il-bidu tal-jum (u konsegwentament il-bidu ta' l-għaxija u l-bidu tal-lejl) għandhom ikunu magħżula mill-Istat Membru (dik l-għażla għandha tkun l-istess għall-ħsejjes mis-sorsi kollha); il-valuri tal-kontumaċja huma 07.00 sal 19.00, 19.00 sal 23.00 u 23.00 sal 07.00 ħin lokali,

— sena hija s-sena relevanti fir-rigward ta' l-emissjoni tal-ħsejjes u sena medja fir-rigward taċ-ċirkostanzi meteroloġiċi;

u li fiha:

— il-ħoss inċidentali huwa meqjus, li jfisser li l-ebda akkont m'għandu jittieħed tal-ħoss li jkun rifless mal-façade ta' bini fil-konsiderazzjoni (bħala regola ġenerali, dan jimplika korezzjoni ta' 3 dB fil-każ ta' kejl).

Il-għoli tal-punt assessjat Ljal għandu jiddependi mill-applikazzjoni:

— fil-każ ta' kompjutazzjoni għall-iskop tal-immappjar strateġiku tal-ħsejjes b'relazzjoni ma l-espożizzjoni tal- ħsejjes fi u qrib bini, il-punti ta' l-assessjar għandhom ikunu 4,0 ± 0,2 m (3,8 sa 4,2 m) 'l fuq mill-art u fil-façade l-aktar esposta; għal dan l-iskop, il- façade l-aktar esposta għandha tkun il-ħajt estern li jħares lejn u

— l-eqreb lejn sorsi speċifika tal-ħoss; għal skopijiet l-oħrajn, għażliet oħrajn jistgħu jsiru, - fil-każ ta' kejl għall-iskop tal-immappjar strateġiku tal-ħsejjes b'relazzjoni ma l-espożizzjoni tal-ħsejjes fuq u qrib bini għoli ieħor jista jkun magħżul, imma dan qatt ma jista jkun anqas minn 1,5 m 'l fuq mill-art, u r- riżultati għandhom ikunu kkorreġuti bi qbil ma l-għoli ekwivalenti ta' 4 m,

▼B

— għal skopijiet oħrajn bħal ma huwa l-ippjanar akustiku għal żonar tal-ħsejjes, għoli ieħor jista jkun magħżul, imma dawn m'għandhom qatt ikunu anqas minn 1,5 m 'l fuq mill-art, per eżempju għal:

— żoni rurali bi djar ta' sular wieħed,

— id-disinn tal-miżuri lokali intiżi biex inaqqsu l-impatt tal-ħsejjes fuq bini speċifiku,

— l-immappjar dettaljat tal-ħsejjes ta' żona limitata, li juri l-esposizzjoni għall-ħsejjes ta' bini individwali.

2. **Definizzjoni ta' l-idikatur tal-ħsejjes ta' matul il-lejl**

L-indikatur tal-ħsejjes ta' ma tul il-lejl *Llejl* hija l-medja ta' terminu fit-tul A-mgħobbija tal-livell tal-ħoss kif definit fil ISO 1996-2: 1987, determinata matul il-perjodi kollha ta' lejn ta' sena;

li fiha:

— il-lejl huwa tmien sieghat kif definit fil-paragrafu 1,

— is-sena hija s-sena relevanti fir-rigward ta' l-emissjoni tal-ħsejjes u sena medja fir-rigward taċ-ċirkostanzi meteroloġiċi, kif definit fil-paragrafu 1,

— il-ħoss inċidentali huwa meqjus, kif stabbilit fil-paragrafu 1,

— il-punt ta' l-assessjar huwa l-istess bħal Ljal.

3. **Indikaturi supplementari tal-ħsejjes**

F'uħud mill-każi, b'żieda ma *Ljal* u *Llejl*, u meta xieraq *Ljum* u *Lgħaxija*, jista jkun vantaġġuż li jintużaw indikaturi speċjali tal-ħoss u valuri limitanti relatati. Xi eżempji huma mogħtija hawn taħt:

— is-sors tal-ħoss li jkun kunsidrat jopera biss għal proporzjon żgħir taż-żmien (per eżempju, għal anqas minn20 % taż-żmien matul it-total ta' perijodi tal-jum f'sena waħda, it-total ta' perjodu ta' l-għaxijiet f'sena waħda, jew it-total ta' perijodi ta' ljieli f'sena waħda),

— in-numru medju ta' l-avvenimenti ta' ħsejjes matul perijodu wieħed jew aktar ikun ferm baxx (per eżempju, anqas minn avveniment wieħed tal-ħsejjes kull siegħa; avveniment tal-ħoss jista jkun definit bħala ħoss li jdum anqas minn ħames minuti; eżempji huma l-ħoss minn ferrovija li tkun għaddeja jew ajruplan li jkun għaddej),

— il-frekwenza baxxa tal-kontenut tal-ħoss tkun qawwija,

— Lamax, jew SEL (livell ta' l-esposizzjoni għall-ħoss) għall-protezzjoni tal-perijodu ta' lejl fil-każ ta' qċaċet tal-ħoss,

— protezzjoni addizzjonali matul tmiem il-ġimgha jew parti speċifika tas-sena,

— protezzjoni addizzjonali matul il-perijodu tal-jum,

— protezzjoni addizzjonali matul il-perijodu ta' l-għaxija,

— l-aggruppar ta' ħsejjes minn sorsi differenti,

— żoni kwieti fil-kampanja miftuħa,

— il-ħoss ikun fih komponenti qawwija ta' tonalità,

— il-ħoss ikollu ta' karattru impulsiv.

▼M2

L-ANNESS II

METODI TA' VALUTAZZJONI GĦALL-INDIKATURI TAL-ISTORBJU

(Imsemmijin fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/49/KE)

1. INTRODUZZJONI

Il-valuri ta' L_{den} u L_{night} għandhom jiġu stabbiliti fil-pożizzjonijiet ta' valutazzjoni permezz ta' kalkolu, skont il-metodu stipulat fil-kapitlu 2 u d-dejta deskritta fil-kapitlu 3. Il-kejl jista' jsir skont il-kapitlu 4.

2. METODI KOMUNI TA' VALUTAZZJONI TAL-ISTORBJU

2.1. **Dispożizzjonijiet ġenerali — Storbju mit-traffiku fit-toroq, storbju mill-ferroviji u storbju industrijali**

2.1.1. *Indikaturi, firxa tal-frekwenza u definizzjonijiet tal-banda*

Il-kalkoli tal-istorbju għandhom jiġu ddefiniti ►C1 fil-firxa tal-frekwenza minn 63 Hz sa 8 kHz f'baned ta' ottava ◄. Ir-riżultati tal-banda ta' frekwenzi għandhom jiġu pprovduti fl-intervall ta' frekwenza korrispondenti.

Il-kalkoli jsiru f'baned ta' ottavi għal storbju mit-traffiku fit-toroq, storbju mill-ferroviji u storbju industrijali, ħlief għall-potenza akustika tas-sors tal-istorbju tal-ferroviji, li tuża baned ta' terz ta' ottava. Għal storbju mit-traffiku fit-toroq, storbju mill-ferroviji u storbju industrijali, fuq il-bażi ta' dawn ir-riżultati ta' baned ta' ottava, il-livell medju ta' pressjoni tal-ħoss fit-tul ponderat A għall-perjodu ta' matul il-jum, filgħaxija u billejl, kif iddefinit fl-Anness I u msemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/49/KE, huwa kkalkolat bl-għadd tal-frekwenzi kollha:

$$L_{Aeq,T} = 10 \times \lg \sum_{i=1} 10^{(L_{eq,T,i}+A_i)/10} \qquad (2.1.1)$$

fejn

A_i tirrappreżenta l-korrezzjoni ta' ponderazzjoni A skont l-IEC 61672-1

i = l-indiċi tal-banda ta' frekwenzi

u T huwa l-perjodu ta' ħin li jikkorrispondi għal matul il-jum, filgħaxija jew billejl.

Parametri tal-istorbju:

L_p	Livell istantanju ta' pressjoni tal-ħoss	[dB] (re. 2 10^{-5} Pa)
$L_{Aeq,LT}$	Livell ta' pressjoni tal-ħoss globali fit-tul L_{Aeq} minħabba s-sorsi u s-sorsi immaġni kollha fil-punt R	[dB] (re. 2 10^{-5} Pa)
L_W	Livell tal-potenza akustika "*in situ*" ta' sors puntiformi (jiċċaqlaq jew wieqaf)	[dB] (re. 10^{-12} W)
$L_{W,i,dir}$	Livell direzzjonali tal-potenza akustika "*in situ*" għall-banda ta' frekwenzi numru i	[dB] (re. 10^{-12} W)
$L_{W'}$	Livell medju tal-potenza akustika "*in situ*" għal kull metru tal-linja ta' sorsi	[dB/m] (re. 10^{-12} W)

▼M2

Parametri fiżiċi oħrajn:

p	r.m.s. tal-pressjoni tal-ħoss istantanja	[Pa]
p_0	Pressjoni tal-ħoss ta' referenza = 2 10^{-5} Pa	[Pa]
W_0	Potenza akustika ta' referenza = 10^{-12} W	[watt]

2.1.2. *Qafas tal-kwalità*

Preċiżjoni tal-valuri mdaħħlin

Il-valuri kollha mdaħħlin li jaffettwaw il-livell ta' emissjonijiet ta' sors għandhom jiġu stabbiliti b'tal-inqas il-preċiżjoni li tikkorrispondi għal inċertezza ta' ± 2dB(A) fil-livell ta' emissjonijiet tas-sors (filwaqt li l-parametri kollha l-oħrajn jibqgħu l-istess).

Użu tal-valuri prestabbiliti

Fl-applikazzjoni tal-metodu, id-dejta mdaħħla għandha tirrifletti l-użu attwali. B'mod ġenerali ma għandu jkun hemm ebda dipendenza fuq valuri mdaħħlin prestabbiliti jew suppożizzjonijiet. Il-valuri prestabbiliti mdaħħlin u s-suppożizzjonijiet jiġu aċċettati jekk il-ġbir tad-dejta reali jkun marbut ma' spejjeż għoljin b'mod sproporzjonat.

Kwalità tas-softwer użat għall-kalkoli

Is-softwer użat biex isiru l-kalkoli għandu juri li huwa konformi mal-metodi deskritti hawnhekk permezz ta' ċertifikazzjoni tar-riżultati minn każijiet eżaminati.

2.2. **Storbju tat-traffiku fit-toroq**

2.2.1. *Deskrizzjoni tas-sors*

Klassifikazzjoni tal-vetturi

Is-sors ta storbju tat-traffiku fit-toroq għandu jiġi stabbilit billi jingħaddu l-emissjonijiet ta' storbju ta' kull vettura individwali li ssawwar il-fluss tat-traffiku. Dawn il-vetturi jitqassmu fi gruppi ta' ħames kategoriji separati fir-rigward tal-karatteristiċi tagħhom ta' emissjoni ta' storbju:

Kategorija 1: Vetturi ħfief

Kategorija 2: Vetturi tqal medji

Kategorija 3: Vetturi tqal

Kategorija 4: Vetturi motorizzati b'żewġ roti

Kategorija 5: Kategorija miftuħa

Fil-każ ta' vetturi motorizzati b'żewġ roti, huma stabbiliti żewġ subklassijiet separati għal mopeds u muturi iktar b'saħħithom, peress li joperaw b'modi ta' sewqan ferm differenti u normalment in-numri tagħhom ivarjaw ħafna.

Għandhom jintużaw l-ewwel erba' kategoriji, filwaqt li l-ħames kategorija hija fakultattiva. Din hija prevista għal vetturi ġodda li jistgħu jiġu żviluppati fil-ġejjieni u li jistgħu jkunu differenti biżżejjed fl-emissjoni ta' storbju tagħhom sabiex ikunu jeħtieġu d-definizzjoni ta' kategorija

▼M2

oħra. Din il-kategorija tista' tkopri, pereżempju, vetturi elettriċi jew ibridi jew kwalunkwe vettura żviluppata fil-ġejjieni li tkun sostanzjalment differenti minn dawk fil-kategoriji 1 sa 4.

Id-dettalji tal-klassijiet ta' vetturi differenti jinsabu fit-tabella [2.2.a].

Tabella [2.2.a]

Klassijiet ta' vetturi

Kategorija	Isem	Deskrizzjoni		Kategorija tal-vettura fil-KE Approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Sħiħa ([1])
1	Vetturi ħfief	Karozzi tal-passiġġieri, vannijiet tal-kunsinna ≤ 3,5 tunnellati, SUVs ([2]), MPVs ([3]) inklużi karrijiet u karavans		M1 u N1
2	Vetturi tqal medji	Vetturi tqal medji, vannijiet tal-kunsinna > 3,5 tunnellati, karozzi tal-linja, djar fuq ir-roti, eċċ. b'żewġ fusien u muntatura b'roti doppji fuq il-fus ta' wara		M2, M3 u N2, N3
3	Vetturi tqal	Vetturi tqal kbar, karozzi tat-turiżmu, karozzi tal-linja, bi tliet fusien jew iktar		M2 u N2 bil-karru, M3 u N3
4	Vetturi motorizzati b'żewġ roti	4a	Mopeds b'żewġ, tliet u erba' roti	L1, L2, L6
		4b	Muturi b'sidecars jew mingħajr, Triċikli u Kwadriċikli	L3, L4, L5, L7
5	Kategorija miftuħa	Trid tiġi ddefinita skont il-ħtiġijiet tal-ġejjieni		M/A

([1]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1) li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi.
([2]) Vetturi Utilitarji Sportivi.
([3]) Vetturi b'Bosta Skopijiet.


Numru u pożizzjoni ta' sorsi ekwivalenti ta' ħoss

F'dan il-metodu, kull vettura (kategorija 1, 2, 3, 4 u 5) hija rrappreżentata minn sors puntiformi wieħed li jinfirex b'mod uniformi fin-nofs spazju 2-π fuq l-art. L-ewwel riflessjoni fuq is-superfiċje tat-triq hija ttrattata b'mod impliċitu. Kif muri fil-Figura [2.2.a], dan is-sors puntiformi jitqiegħed 0,05 m fuq is-superfiċje tat-triq.

▼M2

Figura [2.2.a]

Post tas-sors puntiformi ekwivalenti fuq vetturi ħfief (kategorija 1), vetturi tqal (kategoriji 2 u 3) u vetturi b'żewġ roti (kategorija 4)



Il-fluss tat-traffiku huwa rrappreżentat minn linja ta' sorsi. Fl-immudellar ta' triq b'bosta korsiji, idealment kull korsija trid tkun irrappreżentata minn linja ta' sors imqiegħda f'nofs kull korsija. Madankollu, huwa aċċettabbli wkoll li tiġi mmudellata linja ta' sors f'nofs triq bidirezzjonali jew linja ta' sors għal kull karreġġata fil-korsija esterna ta' toroq b'bosta korsiji.

Emissjoni ta' potenza akustika

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

Il-potenza akustika tas-sors hija ddefinita fil-'kamp semiliberu', b'hekk, il-potenza akustika tinkludi l-effett tar-riflessjoni tal-art eżatt taħt is-sors immudellat fejn ma hemm ebda oġġett li jfixkel fil-madwar ħlief ir-riflessjoni fuq is-superfiċje tat-triq mhux użata taħt is-sors immudellat.

Fluss tat-traffiku

L-emissjoni ta' storbju ta' fluss tat-traffiku hija rrappreżentata minn linja ta' sors ikkaratterizzat mill-potenza akustika direzzjonali tagħha għal kull metru għal kull frekwenza. Din tikkorrispondi għas-somma tal-emissjoni ta' ħoss tal-vetturi individwali fil-fluss tat-traffiku, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-ħin imqatta' mill-vetturi fis-sezzjoni tat-triq ikkonċernata. L-implimentazzjoni tal-vettura individwali fil-fluss teħtieġ l-applikazzjoni ta' mudell ta' fluss tat-traffiku.

▼M2

Jekk jiġi supponut fluss kostanti tat-traffiku ta' Q_m vetturi tal-kategorija m fis-siegħa, b'veloċità medja v_m (f'km/h), il-potenza akustika direzzjonali għal kull metru f'banda ta' frekwenzi i tal-linja ta' sorsi $L_{W',\ eq,line,i,m}$ hija ddefinita hekk:

$$L_{W',eq,line,i,m} = L_{W,i,m} + 10 \times \lg\left(\frac{Q_m}{1\ 000 \times v_m}\right) \qquad (2.2.1)$$

fejn $L_{W,i,m}$ hija l-potenza akustika direzzjonali ta' vettura waħda. $L_{W',m}$ hija espressa f'dB (re. 10^{-12} W/m). Dawn il-livelli ta' potenza akustika huma kkalkolati għal ►**C1** kull banda ta' ottava i minn 63 Hz sa 8 kHz ◄.

Id-dejta dwar il-fluss tat-traffiku Q_m għandha tingħata bħala medja annwali fis-siegħa, għal kull perjodu ta' żmien (matul il-jum-filgħaxija-billejl), għal kull klassi ta' vettura u għal kull linja ta' sors. Għall-kategoriji kollha, għandha tintuża d-dejta mdaħħla dwar il-fluss tat-traffiku miksuba bl-għadd tat-traffiku jew bil-mudelli tat-traffiku.

Il-veloċità v_m hija waħda rappreżentattiva għal kull kategorija ta' vetturi: f'ħafna każijiet, il-veloċità inferjuri mill-veloċità legali massima għas-sezzjoni tat-triq u l-veloċità legali massima għall-kategorija ta' vetturi. Jekk ma jkunx hemm disponibbli dejta lokali ta' kejl, għandha tintuża l-veloċità legali massima għall-kategorija ta' vetturi.

Vettura individwali

Fil-fluss tat-traffiku, huwa supponut li l-vetturi kollha tal-kategorija m isuqu bl-istess veloċità, jiġifieri v_m, il-veloċità medja tal-fluss tal-vetturi tal-kategorija.

Vettura tat-triq hija mmudellata minn sett ta' ekwazzjonijiet matematiċi li jirrappreżentaw iż-żewġ sorsi ewlenin ta' storbju:

1. Storbju tat-tidwir minħabba l-interazzjoni bejn ir-rota u t-triq;

2. Storbju tal-propulsjoni prodott mid-driveline (magna, egżost, eċċ.) tal-vettura.

Storbju ajrudinamiku huwa inkorporat fis-sors ta' storbju tat-tidwir.

Għal vetturi ħfief, medji u tqal (kategoriji 1, 2 u 3), il-potenza akustika totali tikkorrispondi għas-somma enerġetika tat-tidwir u l-istorbju tal-propulsjoni. B'hekk, il-livell totali ta' potenza akustika tal-linji tas-sors m = 1, 2 jew 3 huwa ddefinit hekk:

$$L_{W,i,m}(v_m) = 10 \times \lg(10^{L_{WR,i,m}(v_m)/10} + 10^{L_{WP,i,m}(v_m)/10}) \qquad (2.2.2)$$

fejn $L_{WR,i,m}$ huwa l-livell ta' potenza akustika għal storbju tat-tidwir u $L_{WP,i,m}$ huwa l-livell ta' potenza akustika għall-istorbju tal-propulsjoni. Dan huwa validu fuq il-meded ta' veloċità kollha. Għal veloċitajiet inqas minn 20km/h, għandu jintuża l-istess livell ta' potenza akustika kif stipulat fil-formula għal v_m = 20km/h.

Għal vetturi b'żewġ roti (kategorija 4), l-istorbju tal-propulsjoni biss jitqies għas-sors:

$$L_{W,i,m\ =\ 4}(v_{m\ =\ 4}) = L_{WP,i,m\ =\ 4}(v_{m\ =\ 4}) \qquad (2.2.3)$$

Dan huwa validu fuq il-meded ta' veloċità kollha. Għal veloċitajiet inqas minn 20 km/h, għandu jintuża l-istess livell ta' potenza akustika kif stipulat fil-formula għal v_m = 20 km/h.

2.2.2. *Kundizzjonijiet ta' referenza*

L-ekwazzjonijiet u l-koeffiċjenti tas-sors huma validi għall-kundizzjonijiet ta' referenza li ġejjin:

▼M2

— veloċità kostanti tal-vettura

— triq lixxa

— temperatura tal-arja τ_{ref} = 20 °C

— superfiċje tat-triq ta' referenza virtwali, li bħala medja tikkonsisti f'konkrit magħmul minn asfalt dens ta' 0/11 u asfalt "stone mastic" ta' 0/11, ta' bejn 2 u 7 snin u f'kundizzjoni ta' manutenzjoni rappreżentattiva

— superfiċje niexfa tat-triq

— ebda tajer bit-tappini.

2.2.3. *Storbju tat-tidwir*

Ekwazzjoni ġenerali

Il-livell tal-potenza akustika tal-storbju tat-tidwir fil-banda ta' frekwenzi i għal vettura tal-klassi m = 1,2 jew 3 huwa ddefinit bħala:

$$L_{WR,i,m} = A_{R,i,m} + B_{R,i,m} \times \lg\left(\frac{v_m}{v_{ref}}\right) + \Delta L_{WR,i,m} \quad (2.2.4)$$

Il-koeffiċjenti $A_{R,i,m}$ u $B_{R,i,m}$ jingħataw f'baned ta' ottava għal kull kategorija ta' vetturi u għal veloċità ta' referenza v_{ref} = 70 km/h. $\Delta L_{WR,i,m}$ tikkorrispondi għas-somma tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li jridu jiġu applikati għall-emissjoni ta' storbju tat-tidwir għal kundizzjonijiet speċifiċi tat-triq jew tal-vettura li jiddevjaw mill-kundizzjonijiet ta' referenza:

$$\Delta L_{WR,i,m} = \Delta L_{WR,road,i,m} + \Delta L_{studdedtyres,i,m} + \Delta L_{WR,acc,i,m} + \Delta L_{W,temp} \quad (2.2.5)$$

$\Delta L_{WR,road,i,m}$ tirrappreżenta l-effett fuq l-istorbju tat-tidwir ta' superfiċje tat-triq bi proprjetajiet akustiċi differenti minn dawk tas-superfiċje ta' referenza virtwali kif iddefiniti fil-kapitlu 2.2.2. Tinkludi kemm l-effett fuq il-propagazzjoni kif ukoll fuq il-ġenerazzjoni.

$\Delta L_{studded\ tyres,i,m}$ huwa koeffiċjent ta' korrezzjoni li jirrappreżenta l-istorbju tat-tidwir ikbar tal-vetturi ħfief mgħammrin b'tajers bit-tappini.

$\Delta L_{WR,acc,i,m}$ tirrappreżenta l-effett fuq l-istorbju tat-tidwir ta' qsim ta' triq bi dwal tat-traffiku jew roundabout. Jintegra l-effett tal-varjazzjoni fil-veloċità fuq l-istorbju.

$\Delta L_{W,temp}$ huwa terminu ta' korrezzjoni għal temperatura medja τ differenti mit-temperatura ta' referenza τ_{ref} = 20 °C.

Korrezzjoni għal tajers bit-tappini

F'sitwazzjonijiet li fihom għadd kbir ta' vetturi ħfief fil-fluss tat-traffiku jużaw tajers bit-tappini tul bosta xhur kull sena, għandu jiġi kkunsidrat l-effett indott fuq l-istorbju tat-tidwir. Għal kull vettura tal-kategorija m = 1 mgħammra b'tajers bit-tappini, żieda li tiddependi fuq il-veloċità fl-emissjoni tal-istorbju tat-tidwir hija evalwata hekk:għal

$$\Delta_{stud,i}(v) = \begin{cases} \text{ai} + \text{bi} \times \lg(50/70) & \textit{għal } \text{v} < 50 \text{ km/h} \\ \text{a}_\text{i} + \text{b}_\text{i} \times \lg(\text{v}/70) & \textit{għal } 50 \leq \text{v} \leq 90 \text{ km/h} \\ \text{a}_\text{i} + \text{b}_\text{i} \times \lg(90/70) & \textit{għal } \text{v} > 90 \text{ km/h} \end{cases} \quad (2.2.6)$$

fejn il-koeffiċjenti a_i u b_i jingħataw għal kull banda ta' ottava.

▼M2

Iż-żieda fl-emissjoni ta' storbju tat-tidwir għandha tiġi attribwita biss skont is-sehem ta' vetturi ħfief b'tajers bit-tappini u tul perjodu limitat T_s (f'xhur) tul is-sena. Jekk $Q_{stud,ratio}$ hija l-proporzjon medju tal-volum totali ta' vetturi ħfief fis-siegħa mgħammrin b'tajers bit-tappini tul il-perjodu T_s (f'xhur), f'dak il-każ il-proporzjon medju annwali ta' vetturi mgħammrin b'tajers bit-tappini p_s jinkiseb permezz ta':

$$p_s = Q_{stud,ratio} \times \frac{T_s}{12} \tag{2.2.7}$$

Il-korrezzjoni riżultanti li trid tiġi applikata għall-emissjoni ta' potenza akustika tat-tidwir minħabba l-użu ta' tajers bit-tappini għal vetturi tal-kategorija
$m = 1$ f'banda ta' frekwenzi i għandha tkun:

$$\Delta L_{studdedtyres,i,m=1} = 10 \times \lg\left[(1 - p_s) + p_s 10^{\frac{\Delta_{stud,i,m=1}}{10}}\right] \tag{2.2.8}$$

Għall-vetturi tal-kategoriji l-oħrajn kollha ma għandha tiġi applikata ebda korrezzjoni:

$$\Delta L_{studdedtyres,i,m \neq 1} = 0 \tag{2.2.9}$$

Effett tat-temperatura tal-arja fuq il-korrezzjoni tal-istorbju tat-tidwir

It-temperatura tal-arja taffettwa l-emissjoni ta' storbju tat-tidwir; il-livell tal-potenza akustika tat-tidwir jonqos meta tiżdied it-temperatura tal-arja. Dan l-effett jiddaħħal fil-korrezzjoni tas-superfiċje tat-triq. Is-soltu, il-korrezzjonijiet tas-superfiċje tat-triq jiġu evalwati f'temperatura tal-arja ta' τ_{ref} = 20 °C. Fil-każ ta' temperatura annwali medja differenti tal-arja °C, l-istorbju tas-superfiċje tat-triq għandu jiġi kkoreġut hekk:

$$\Delta L_{W,temp,m}(\tau) = K_m \times (\tau_{ref} - \tau) \tag{2.2.10}$$

It-terminu ta' korrezzjoni huwa pożittiv (jiġifieri żidiet fl-istorbju) għal temperaturi inqas minn 20 °C u negattiv (jiġifieri tnaqqis fl-istorbju) għal temperaturi ogħla. Il-koeffiċjent K jiddependi mis-superfiċje tat-triq u l-karatteristiċi tat-tajers u b'mod ġenerali juri xi dipendenza fuq il-frekwenza. Għandu jiġi applikat koeffiċjent ġeneriku $K_{m = 1}$ = 0,08 dB/°C għal vetturi ħfief (kategorija 1) u $K_{m = 2} = K_{m = 3}$ = 0,04 dB/°C għal vetturi tqal (kategoriji 2 u 3) għas-superfiċji kollha tat-triq. Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni għandu jiġi applikat bl-istess mod fuq il-baned ta' ottava kollha bejn 63 u 8 000 Hz.

2.2.4. *Storbju tal-propulsjoni*

Ekwazzjoni ġenerali

L-emissjoni ta' storbju tal-propulsjoni tinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha mill-magna, l-egżost, il-gerijiet, id-dħul tal-arja, eċċ. Il-livell ta' potenza akustika tal-istorbju tal-propulsjoni fil-banda ta' frekwenzi i għal vettura tal-klassi m huwa ddefinit bħala:

$$L_{WP,i,m} = A_{P,i,m} + B_{P,i,m} \times \frac{(v_m - v_{ref})}{v_{ref}} + \Delta L_{WP,i,m} \tag{2.2.11}$$

Il-koeffiċjenti $AA_{P,i,m}$ *u* $B_{P,i,m}$ jingħataw f'baned ta' ottava għal kull kategorija ta' vetturi u għal veloċità ta' referenza v_{ref} = 70 km/h.

$\Delta L_{WP,i,m}$ jikkorrispondi għas-somma tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li jridu jiġu applikati għall-emissjoni ta' storbju tal-propulsjoni għal kundizzjonijiet speċifiċi tas-sewqan jew kundizzjonijiet reġjonali li jiddevjaw mill-kundizzjonijiet ta' referenza:

▼M2

$$\Delta L_{WP,i,m} = \Delta L_{WP,road,i,m} + \Delta L_{WP,grad,i,m} + \Delta L_{WP,acc,i,m} \quad (2.2.12)$$

$\Delta L_{WP,road,i,m}$ tirrappreżenta l-effett tas-superfiċje tat-triq fuq l-istorbju tal-propulsjoni permezz tal-assorbiment. Il-kalkolu għandu jsir skont il-kapitlu 2.2.6.

$\Delta L_{WP,acc,i,m}$ u $\Delta L_{WP,grad,i,m}$ jirrappreżentaw l-effett tal-gradjent tat-triq u tal-aċċelerazzjoni u d-deċelerazzjoni tal-vetturi fl-intersezzjonijiet. Għandhom jiġu kkalkolati skont il-kapitli 2.2.4 u 2.2.5 rispettivament.

Effett tal-gradjenti tat-triq

Il-gradjent tat-triq għandu żewġ effetti fuq l-emissjoni ta' storbju tal-vettura: l-ewwel nett, jaffettwa l-veloċità tal-vettura u b'hekk l-emissjoni ta' storbju tat-tidwir u tal-propulsjoni tal-vettura; it-tieni, jaffettwa kemm it-tagħbija tal-magna kif ukoll il-veloċità tal-magna bl-għażla ta' ger u b'hekk anki l-emissjoni ta' storbju tal-propulsjoni tal-vettura. Huwa biss l-effett fuq l-istorbju tal-propulsjoni li jiġi kkunsidrat f'din is-sezzjoni, li fiha tiġi supponuta veloċità kostanti.

L-effett tal-gradjent tat-triq fuq l-istorbju tal-propulsjoni jiġi kkunsidrat permezz ta' terminu ta' korrezzjoni $\Delta L_{WP,grad,m}$ li huwa funzjoni tal-inklinazzjoni s (in %), il-veloċità tal-vettura v_m (f'km/h) u l-klassi tal-vettura m. Fil-każ ta' fluss tat-traffiku bidirezzjonali, hemm bżonn li l-fluss jinqasam f'żewġ komponenti u li jiġi kkoreġut nofs għal inklinazzjoni 'l fuq u nofs għal dik 'l isfel. It-terminu ta' korrezzjoni huwa attribwit għall-baned ta' ottava kollha bl-istess mod:

Għal $m = 1$

$$\Delta L_{WP,grad,i,m=1}(v_m) = \begin{cases} \dfrac{Min(12\,\%; -s) - 6\%}{1\,\%} & \text{għal } s < -6\,\% \\ 0 & \text{għal } -6\,\% \le s \le 2\,\% \\ \dfrac{Min(12\,\%; s) - 2\,\%}{1{,}5\,\%} \times \dfrac{v_m}{100} & \text{għal } s > 2\,\% \end{cases} \quad (2.2.13)$$

Għal $m = 2$

$$\Delta L_{WP,grad,i,m=2}(v_m) = \begin{cases} \dfrac{Min(12\,\%; -s) - 4\,\%}{0{,}7\,\%} \times \dfrac{v_m - 20}{100} & \text{għal } s < -4\,\% \\ 0 & \text{għal } -4\,\% \le s \le 0\,\% \\ \dfrac{Min(12\,\%; s)}{1\,\%} \times \dfrac{v_m}{100} & \text{għal } s > 0\,\% \end{cases} \quad (2.2.14)$$

Għal $m = 3$

$$\Delta L_{WP,grad,i,m=3}(v_m) = \begin{cases} \dfrac{Min(12\,\%; -s) - 4\,\%}{0{,}5\,\%} \times \dfrac{v_m - 10}{100} & \text{għal } s < -4\,\% \\ 0 & \text{għal } -4\,\% \le s \le 0\,\% \\ \dfrac{Min(12\,\%; s)}{0{,}8\,\%} \times \dfrac{v_m}{100} & \text{għal } s > 0\,\% \end{cases} \quad (2.2.15)$$

Għal $m = 4$

$$\Delta L_{WP,grad,i,m=4} = 0 \quad (2.2.16)$$

Il-korrezzjoni $\Delta L_{WP,grad,m}$ tinkludi b'mod impliċitu l-effett tal-inklinazzjoni fuq il-veloċità.

▼M2

2.2.5. *Effett tal-aċċelerazzjoni u d-deċelerazzjoni tal-vetturi*

Qabel u wara l-qsim tat-triq bid-dwal tat-traffiku u r-roundabouts, għandha tiġi applikata korrezzjoni għall-effett ta' aċċelerazzjoni u deċelerazzjoni kif deskritt hawn taħt.

It-termini ta' korrezzjoni għal storbju tat-tidwir, $\Delta L_{WR,acc,m,k}$, u għal storbju tal-propulsjoni, $\Delta L_{WP,acc,m,k}$, huma funzjonijiet lineari tad-distanza x (f'm) tas-sors puntiformi għall-eqreb intersezzjoni tal-linja ta' sors rispettiva ma' linja ta' sors oħra. Huma attribwiti għall-baned ta' ottava kollha bl-istess mod:

$$\Delta L_{WR,acc,m,k} = C_{R,m,k} \times \mathrm{Max}\left(1 - \frac{|x|}{100}; 0\right) \qquad (2.2.17)$$

$$\Delta L_{WP,acc,m,k} = C_{P,m,k} \times \mathrm{Max}\left(1 - \frac{|x|}{100}; 0\right) \qquad (2.2.18)$$

Il-koeffiċjenti $C_{R,m,k}$ u $C_{P,m,k}$ jiddependu mit-tip ta' salib it-toroq k (k = 1 għal qsim bid-dwal tat-traffiku; k = 2 għal roundabout) u jingħataw għal kull kategorija ta' vetturi. Il-korrezzjoni tinkludi l-effett tal-bidla fil-veloċità meta wieħed joqrob jew jitbiegħed minn qsim jew roundabout.

Kun af li f'distanza $|x| \geq 100$ m, $\Delta L_{WR,acc,m,k} = \Delta L_{WP,acc,m,k} = 0$.

2.2.6. *L-effett tat-tip ta' superfiċje tat-triq*

Prinċipji ġenerali

Għal superfiċji tat-triq bi proprjetajiet akustiċi differenti minn dawk tas-superfiċje ta' referenza, għandu jiġi applikat terminu ta' korrezzjoni spettrali kemm għal storbju tat-tidwir kif ukoll għal storbju tal-propulsjoni.

It-terminu ta' korrezzjoni tas-superfiċje tat-triq għall-emissjoni ta' storbju tat-tidwir jinkiseb hekk:

$$\Delta L_{WR,road,i,m} = \alpha_{i,m} + \beta_m \times \lg\left(\frac{v_m}{v_{ref}}\right) \qquad (2.2.19)$$

fejn

$\alpha_{i,m}$ hija l-korrezzjoni spettrali f'dB bil-veloċità ta' referenza v_{ref} għal kategorija m (1, 2 jew 3) u banda spettrali i.

β_m huwa l-effett tal-veloċità fuq it-tnaqqis tal-istorbju tat-tidwir għal kategorija m (1, 2 jew 3) u hija identika għall-baned kollha ta' frekwenzi.

It-terminu ta' korrezzjoni tas-superfiċje tat-triq għall-emissjoni ta' storbju tal-propulsjoni jinkiseb hekk:

$$\Delta L_{WP,road,i,m} = \min\{\alpha_{i,m}; 0\} \qquad (2.2.20)$$

Superfiċji assorbenti jnaqqsu l-istorbju tal-propulsjoni, filwaqt li superfiċji mhux assorbenti ma jżiduhx.

L-effett taż-żmien fuq il-proprjetajiet ta' storbju tas-superfiċje tat-triq

Il-karatteristiċi tal-istorbju tas-superfiċji tat-triq ivarjaw maż-żmien u skont il-livell ta' manutenzjoni, b'tendenza li jsiru iktar storbjużi maż-żmien. F'dan il-metodu, il-parametri tas-superfiċje tat-triq jitqiesu rappreżentattivi għall-prestazzjoni akustika tat-tip ta' superfiċje tat-triq wara li tittieħed medja matul il-ħajja rappreżentattiva tiegħu u bis-suppożizzjoni ta' manutenzjoni xierqa.

▼M2

2.3. **Storbju tal-ferroviji**

2.3.1. *Deskrizzjoni tas-sors*

Klassifikazzjoni tal-vetturi

Definizzjoni ta' vettura u ferrovija

$A_{boundary,F}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għal-limitu tal-midjum ta' propagazzjoni f'kundizzjonijiet favorevoli. Tista' tinkludi t-termini li ġejjin:

$A_{ground,F}$ li hija l-attenwazzjoni dovuta għall-art f'kundizzjonijiet favorevoli;

$A_{dif,F}$ li hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni f'kundizzjonijiet favorevoli.

Għal mogħdija u banda ta' frekwenzi partikolari, huma possibbli ż-żewġ xenarji li ġejjin:

▼M2

— jew $A_{ground,F}$ hija kkalkolata mingħajr ebda diffrazzjoni u ($A_{dif,F}$ = 0 dB) u $A_{boundary,F} = A_{ground,F}$;

— jew tiġi kkalkolata $A_{dif,F}$. L-effett tal-art jingħata kont fl-ekwazzjoni ta' $A_{dif,F}$ stess ($A_{ground,F}$ = 0 dB). Għaldaqstant dan isarraf $A_{boundary,F} = A_{dif,F}$.

Livell tal-ħoss f'kundizzjonijiet omoġeni (L_H) għal passaġġ (S,R)

Il-proċedura hija strettament l-istess bħall-każ ta' kundizzjonijiet favorevoli ppreżentat fit-taqsima ta' qabel.

$$L_H = L_{W,0,dir} - A_H \quad (2.5.7)$$

It-terminu A_H jirrappreżenta l-attenwazzjoni totali tul l-attenwazzjoni tal-ħoss f'kundizzjonijiet omoġeni, u huwa disaggregat kif ġej:

$$A_H = A_{div} + A_{atm} + A_{boundary,H} \quad (2.5.8)$$

fejn

A_{div} hija l-attenwazzjoni dovuta għal diverġenza ġeometrika;

A_{atm} hija l-attenwazzjoni dovuta għal assorbiment atmosferiku;

$A_{boundary,H}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għal-limitu tal-midjum f'kundizzjonijiet omoġeni. Tista' tinkludi t-termini li ġejjin:

$A_{ground,H}$ li hija l-attenwazzjoni dovuta għall-art f'kundizzjonijiet omoġeni;

$A_{dif,H}$ li hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni f'kundizzjonijiet omoġeni.

Għal mogħdija u banda ta' frekwenzi partikolari, huma possibbli ż-żewġ xenarji li ġejjin:

— jew $A_{ground,H}$ ($A_{dif,H}$ = 0 dB) hija kkalkolata mingħajr ebda diffrazzjoni u $A_{boundary,H} = A_{ground,H}$;

— jew tiġi kkalkolata $A_{dif,H}$ ($A_{ground,H}$ = 0 dB). L-effett tal-art jingħata kont fl-ekwazzjoni $A_{dif,H}$ stess. Għaldaqstant dan isarraf $A_{boundary,H} = A_{dif,H}$.

Approċċ statistiku f'żoni urbani għal passaġġ (S,R)

F'żoni urbani, approċċ statistiku għall-kalkolu tal-propagazzjoni ta' ħoss wara l-ewwel linja ta' bini huwa permess ukoll, diment li t-tali metodu jkun iddokumentat kif xieraq, u jinkludi informazzjoni rilevanti dwar il-kwalità tal-metodu. Dan il-metodu jista' jieħu post il-kalkolu ta' $A_{boundary,H}$ and $A_{boundary,F}$ permezz ta' approssimazzjoni tal-attenwazzjoni totali għall-passaġġ dirett u r-riflessjonijiet kollha. Il-kalkolu ser ikun imsejjes fuq id-densità medja ta' bini u l-għoli medju tal-bini kollu fiż-żona.

Livell tal-ħoss fit-tul għal passaġġ (S,R)

Il-livell tal-ħoss "fit-tul" matul passaġġ li jibda minn sors puntiformi partikolari jinkiseb mis-somma logaritmika tal-enerġija tal-ħoss ponderata f'kundizzjonijiet omoġeni u l-enerġija tal-ħoss f'kundizzjonijiet favorevoli.

▼M2

Dawn il-livelli ta' ħoss huma ponderati bl-okkorrenza medja p tal-kundizzjonijiet favorevoli fid-direzzjoni tal-passaġġ (S,R):

$$L_{LT} = 10 \times \lg\left(p \cdot 10^{\frac{L_F}{10}} + (1-p) \cdot 10^{\frac{L_H}{10}}\right) \quad (2.5.9)$$

NB: Il-valuri tal-okkorrenza għal p huma espressi f'perċentwali. B'hekk, pereżempju, jekk il-valur tal-okkorrenza huwa 82 %, l-Ekwazzjoni (*2.5.9*) ikollha p = 0,82.

Il-livell tal-ħoss fit-tul fil-punt R għall-passaġġi kollha

Il-livell ta' pressjoni tal-ħoss totali fit-tul fir-riċevitur għal banda ta' frekwenzi jinkiseb bl-għadd tal-kontribuzzjonijiet enerġetiċi mill-passaġġi N kollha, it-tipi kollha inklużi:

$$L_{tot,LT} = 10 \times \lg\left(\sum_n 10^{\frac{L_{n,LT}}{10}}\right) \quad (2.5.10)$$

fejn

n huwa l-indiċi tal-passaġġi bejn S u R.

Il-kunsiderazzjoni tar-riflessjonijiet permezz ta' sorsi immaġni hija deskritta iktar 'il quddiem. Il-perċentwal ta' okkorrenzi tal-kundizzjonijiet favorevoli fil-każ ta' passaġġ rifless fuq ostakolu vertikali jitqies li huwa identiku għall-okkorrenza tal-passaġġ dirett.

Jekk S' hija s-sors immaġni ta' S, f'dak il-każ l-okkorrenza p' tal-passaġġ (S',R) titqies li hija daqs l-okkorrenza p tal-passaġġ (S_i,R).

Il-livell tal-ħoss fit-tul fil-punt R f'deċibel A (dBA)

Il-livell totali ta' ħoss f'deċibel A (dBA) jinkiseb billi jingħaddu l-livelli f'kull banda ta' frekwenzi:

$$L_{Aeq,LT} = 10 \times \lg \sum_i 10^{(L_{tot,LT,i} + AWC_{f,i})/10} \quad (2.5.11)$$

fejn i hija l-indiċi tal-banda ta' frekwenzi. AWC hija l-korrezzjoni ponderata A skont l-istandard internazzjonali IEC 61672-1:2003.

Dan il-livell $L_{Aeq,LT}$ jikkostitwixxi r-riżultat finali, jiġifieri l-livell ta' pressjoni tal-ħoss ponderat A fit-tul fil-punt riċeventi fuq intervall ta' ħin ta' referenza speċifiku (eż. tul il-jum jew filgħaxija, jew billejl jew ħin iqsar tul il-jum, filgħaxija jew billejl).

2.5.6. *Kalkolu tal-propagazzjoni ta' ħoss għal sorsi minn toroq, ferroviji u sorsi industrijali.*

Diverġenza ġeometrika

L-attenwazzjoni dovuta għal diverġenza ġeometrika, A_{div}, tikkorrispondi għal tnaqqis fil-livell ta' ħoss dovut għad-distanza tal-propagazzjoni. Għal sors akustiku ta' punt f'kamp liberu, l-attenwazzjoni f'dB tinkiseb hekk:

$$A_{div} = 20 \times \lg(d) + 11 \quad (2.5.12)$$

▼M2

fejn d hija d-distanza 3D diretta tal-inklinazzjoni bejn is-sors u r-riċevitur.

Assorbiment atmosferiku

L-attenwazzjoni dovuta għal assorbiment atmosferiku A_{atm} matul il-propagazzjoni fuq distanza d tingħata f'dB permezz tal-ekwazzjoni:

$$A_{atm} = \alpha_{atm} \cdot d/1\,000 \qquad (2.5.13)$$

fejn

d hija d-distanza 3D diretta tal-inklinazzjoni bejn is-sors u r-riċevitur f'm;

α_{atm} hija l-koeffiċjent ta' attenwazzjoni atmosferika f'dB/km fil-frekwenza ċentrali nominali għal kull banda ta' frekwenzi, skont l-ISO 9613-1.

Il-valuri tal-koeffiċjent α_{atm} jingħataw għal temperatura ta' 15 °C, umdità relattiva ta' 70 % u pressjoni atmosferika ta' 101 325 Pa. Huma kkalkolati bil-frekwenzi ċentrali eżatti tal-banda ta' frekwenzi. Dawn il-valuri jikkonformaw mal-ISO 9613-1. Għandha tintuża l-medja meteoroloġika fit-tul jekk hemm dejta meteoroloġika disponibbli.

Effett tal-art

L-attenwazzjoni dovuta għall-effett tal-art hija fil-parti l-kbira r-riżultat tal-interferenza bejn il-ħoss rifless u l-ħoss li huwa propagat direttament mis-sors għar-riċevitur. Hija fiżikament marbuta mal-assorbiment akustiku tal-art li fuqha tiġi propagata l-mewġa tal-ħoss. Madankollu, hija tiddependi ferm fuq il-kundizzjonijiet atmosferiċi matul il-propagazzjoni, peress li t-tgħawwiġ tar-raġġi jimmodifika l-għoli tal-passaġġ fuq l-art u jagħmel l-effetti tal-art u l-art li tinsab qrib is-sors iktar jew inqas sinifikanti.

F'każ li l-propagazzjoni bejn is-sors u r-riċevitur tkun affettwata minn xi ostakolu fil-pjan ta' propagazzjoni, l-effett tal-art huwa kkalkolat għalih min-naħa tas-sors u r-riċevitur. F'dan il-każ, z_s u z_r jirreferu għas-sors ekwivalenti u/jew il-pożizzjoni tar-riċevitur kif indikat iktar 'il quddiem fejn huwa ppreżentat il-kalkolu tad-diffrazzjoni A_{dif}.

Karatterizzazzjoni akustika tal-art

Il-proprjetajiet tal-assorbiment akustiku tal-art huma fil-parti l-kbira marbutin mal-porosità tagħha. Art kompatta ġeneralment tkun riflettiva u art poruża hija assorbenti.

Għal rekwiżiti ta' kalkolu operattiv, l-assorbiment akustiku ta' art huwa rrappreżentat minn koeffiċjent mingħajr dimensjoni G, bejn 0 u 1. G huwa indipendenti mill-frekwenza. It-Tabella 2.5.a tagħti l-valuri ta' G għall-art fuq barra. B'mod ġenerali, il-medja tal-koeffiċjent G fuq passaġġ tieħu valuri ta' bejn 0 u 1.

▼M2

Tabella 2.5.a

Valuri G għal tipi differenti ta' art

Deskrizzjoni	Tip	(kPa · s/m^2)	Valur *G*
Ferm ratba (borra jew speċi ta' ħażiż)	A	12,5	1
Art ratba tal-foresti (bħal qisu xagħri baxx u dens jew ħażiż folt)	B	31,5	1
Art mhux kompatta u laxka (tuba bil-ħaxix, ħaxix, ħamrija laxka)	C	80	1
Art normali mhux kompatta (artijiet tal-foresta, għalqa tar-ragħa)	D	200	1
Għalqa kompatta u żrar (lawns kompatti, żona ta' ġonna)	E	500	0,7
Art densa kompatta (triq taż-żrar, żona ta' parkeġġ)	F	2 000	0,3
Superfiċji ibsin (ħafna mill-asfalt normali, konkrit)	G	20 000	0
Superfiċji ibsin ħafna u densi (asfalt dens, konkrit, ilma)	H	200 000	0

G_{path} hija ddefinita bħala l-frazzjoni tal-art assorbenti preżenti tul il-passaġġ sħiħ kopert.

Meta s-sors u r-riċevitur tant ikunu qrib li $d_p \leq 30(z_s + z_r)$, id-distinzjoni bejn it-tip ta' art li tinsab qrib is-sors u t-tip ta' art li tinsab ħdejn ir-riċevitur hija negliġibbli. Sabiex jitqies dan il-kumment, il-fattur tal-art G_{path} huwa finalment ikkoreġut kif ġej:

$$G'_{path} = \begin{cases} G_{path}\dfrac{d_p}{30(z_s+z_r)} + G_s\left(1 - \dfrac{d_p}{30(z_s+z_r)}\right) & jekk\ d_p \leq 30(z_s + z_r) \\ G_{path} & inkella \end{cases} \quad (2.5.14)$$

fejn G_s hija l-fattur tal-art taż-żona tas-sorsi. $G_s = 0$ għal pjattaformi tat-triq [1], binarji bla ballast. $G_s = 1$ għal binarji ferrovjarji bil-ballast. Ma hemm ebda tweġiba ġenerali fil-każ ta' sorsi u impjanti industrijali.


G tista' tkun marbuta mar-reżistività tal-fluss.

[1] L-assorbiment tal-paviment poruż tat-triq jingħata kont fil-mudell tal-emissjonijiet.

▼M2

Figura 2.5.b

Determinazzjoni tal-koeffiċjent tal-art G_{path} fuq passaġġ ta' propagazzjoni



$$d_p = d_1 + d_2 + d_3 + d_4$$

$$G_{path} = \left(0 \cdot d_1 + 0 \cdot d_2 + 1 \cdot d_3 + 1 \cdot d_4\right) \Big/ d_p = \left(d_3 + d_4\right) \Big/ d_p$$

Iż-żewġ subsezzjonijiet li ġejjin dwar il-kalkoli f'kundizzjonijiet omoġeni u favorevoli jintroduċu n-notazzjonijiet ġeneriċi $\overline{G}_{\mathrm{w}}$ u $\overline{G}_{\mathrm{m}}$ għall-assorbiment tal-art. It-Tabella 2.5.b tagħti l-korrispondenza bejn dawn in-notazzjonijiet u l-varjabbli ta' G_{path} u G'_{path}.

Tabella 2.5.b:

Korrispondenza bejn $\overline{G}_{\mathrm{w}}$ u $\overline{G}_{\mathrm{m}}$ u (G_{path}, G'_{path})

	Kundizzjonijiet omoġeni			Kundizzjonijiet favorevoli		
	A_{ground}	$\Delta_{ground(S,O)}$	$\Delta_{ground(O,R)}$	A_{ground}	$\Delta_{ground(S,O)}$	$\Delta_{ground(O,R)}$
$\overline{G}_w$	G'_{path}		G_{path}			
$\overline{G}_m$	G'_{path}		G_{path}	G'_{path}		G_{path}

Kalkoli f'kundizzjonijiet omoġeni

L-attenwazzjoni dovuta għall-effett tal-art f'kundizzjonijiet omoġeni hija kkalkolata skont l-ekwazzjonijiet li ġejjin:

jekk $G_{path} \neq 0$

$$A_{ground,H} = \max\left(-10 \times \lg\left[4\frac{k^2}{d_p^2}\left(z_s^2 - \sqrt{\frac{2C_f}{k}}z_s + \frac{C_f}{k}\right)\left(z_r^2 - \sqrt{\frac{2C_f}{k}}z_r + \frac{C_f}{k}\right)\right], A_{ground,H,min}\right) \quad (2.5.15)$$

fejn

$$k = 2\pi f_m \Big/ c$$

▼M2

f_m hija l-frekwenza ċentrali nominali tal-banda ta' frekwenzi kkunsidrata, f'Hz, c hija l-veloċità akustika fl-arja, meqjusa bħala 340 m/s, u C_f hija ddefinita hekk:

$$C_f = \mathrm{d}_p \frac{1 + 3wd_p e^{-\sqrt{wd_p}}}{1 + wd_p} \tag{2.5.16}$$

fejn il-valuri ta' w jinkisbu bl-ekwazzjoni ta' hawn taħt:

$$w = 0{,}0185 \frac{f_m^{2.5} \overline{G_w}^{2.6}}{f_m^{1.5} \overline{G_w}^{2.6} + 1{,}3 \cdot 10^3 f_m^{0.75} \overline{G_w}^{1.3} + 1{,}16 \cdot 10^6} \tag{2.5.17}$$

$\overline{G}_{\mathrm{w}}$ tista' tkun daqs G_{path} jew G'_{path} skont jekk l-effett tal-art huwiex ikkalkolat b'diffrazzjoni jew mingħajr, u skont l-għamla tal-art taħt is-sors (sors reali jew diffrattat). Dan huwa speċifikat fis-subsezzjonijiet li jmiss u huwa miġbur fil-qosor fit-tabella 2.5.b.

$$A_{ground,H,\min} = -3(1 - \overline{G_m}) \tag{2.5.18}$$

hija l-livell inferjuri ta' $A_{ground,H}$.

Għal passaġġ (S_{i},R) f'kundizzjonijiet omoġeni bla diffrazzjoni:

$\overline{G}_{\mathrm{w}} = G'_{path}$

$\overline{G}_{\mathrm{m}} = G'_{path}$

B'diffrazzjoni, irreferi għas-sezzjoni dwar id-diffrazzjoni għad-definizzjonijiet ta' $\overline{G}_{\mathrm{w}}$ u $\overline{G}_{\mathrm{m}}$.

jekk $G_{path} = 0$: $A_{ground,H} = -3$ dB

It-terminu $-3(1 - \overline{G}_{\mathrm{m}})$ iqis il-fatt li meta s-sors u r-riċevitur ikunu 'l bogħod minn xulxin, l-ewwel naħa tas-sors ta' riflessjoni ma tibqax fuq il-pjattaforma iżda fuq l-art naturali.

Kalkolu f'kundizzjonijiet favorevoli

L-effett tal-art f'kundizzjonijiet favorevoli huwa kkalkolat bl-ekwazzjoni ta' $A_{ground,H}$, diment li jsiru l-modifiki li ġejjin:

jekk $G_{path} \neq 0$

a) Fl-ekwazzjoni ta' $A_{ground,H}$, l-għoli z_{s} and z_{r} huwa sostitwit minn $z_{\mathrm{s}} + \delta z_{\mathrm{s}} + \delta z_{\mathrm{T}}$ and $z_{\mathrm{r}} + \delta z_{\mathrm{r}} + \delta z_{\mathrm{T}}$ rispettivament fejn

$$\begin{cases} \delta z_s = a_0 \left(\dfrac{z_s}{z_s + z_r} \right)^2 \dfrac{d_p^2}{2} \\ \delta z_r = a_0 \left(\dfrac{z_r}{z_s + z_r} \right)^2 \dfrac{d_p^2}{2} \end{cases} \tag{2.5.19}$$

$a_{\mathrm{o}} = 2 \times 10^{-4}\ \mathrm{m}^{-1}$ hija l-kontra tar-raġġ tal-kurvatura

$$\delta z_T = 6 \cdot 10^{-3} \frac{d_p}{z_s + z_r}$$

b) Il-livell inferjuri ta' $A_{ground,F}$ jiddependi mill-ġeometrija tal-passaġġ:

▼M2

►C1 $$A_{ground,F,\min} = \begin{cases} -3\left(-\overline{G_m}\right) & Jekk\ d_p \le 30\left(z_s + z_r\right) \\ -3\left(-\overline{G_m}\right)\left(1 + 2\left(1 - 30\left(z_s + z_r\right)/d_p\right)\right) & inkella \end{cases}$$ ◄ (2.5.20)

Jekk $G_{path} = 0$

$A_{\text{ground,F,}} = A_{ground,F,min}$

Il-korrezzjonijiet tal-għoli δz_s u δz_r jagħtu kont lill-effett tat-tgħawwiġ tar-raġġi akustiċi. δz_T tagħti kont lill-effett tat-turbolenza.

$\overline{G}_m$ tista' wkoll tkun daqs G_{path} jew G'_{path} skont jekk l-effett tal-art huwiex ikkalkolat b'diffrazzjoni jew mingħajr, u skont l-għamla tal-art taħt is-sors (sors reali jew diffrattat). Dan huwa speċifikat fis-subsezzjonijiet li ġejjin.

Għal passaġġ (S_i,R) f'kundizzjonijiet favorevoli bla diffrazzjoni:

$\overline{G}_w = G_{path}$ fl-Ekwazzjoni *(2.5.17)*;

$\overline{G}_m = G'_{path}$.

Bid-diffrazzjoni, irreferi għat-taqsima li jmiss għad-definizzjonijiet ta' $\overline{G}_w$ u $\overline{G}_m$.

D i f f r a z z j o n i

Bħala regola ġenerali, id-diffrazzjoni għandha tiġi studjata fil-quċċata ta' kull ostakolu li jinsab fil-passaġġ ta' propagazzjoni. Jekk il-passaġġ jgħaddi "għoli biżżejjed" fuq l-intopp ta' diffrazzjoni, tista' tiġi stabbilita $A_{dif} = 0$ u tiġi kkalkolata dehra diretta, b'mod partikolari billi tiġi kkalkolata A_{ground}.

Fil-prattika, għal kull frekwenza taċ-ċentru tal-banda ta' frekwenzi, id-differenza fil-passaġġ δ hija mqabbla mal-kwantità – $\lambda/20$. Jekk ostakolu ma jipproduċix diffrazzjoni, għaliex din pereżempju tiġi stabbilita skont il-kriterju ta' Rayleigh, ma hemm ebda bżonn li tiġi kkalkolata A_{dif} għall-banda ta' frekwenzi kkunsidrata. Fi kliem ieħor, $A_{dif} = 0$ f'dan il-każ. Inkella, A_{dif} tiġi kkalkolata ki spjegat fil-bqija ta' din il-parti. Din ir-regola tapplika kemm f'kundizzjonijiet omoġeni kif ukoll favorevoli, kemm għal diffrazzjoni waħda kif ukoll iktar.

Meta, għal banda ta' frekwenzi partikolari jsir kalkolu skont il-proċedura deskritta f'din it-taqsima, A_{ground} tiġi stabbilita 0 dB meta tiġi kkalkolata l-attenwazzjoni totali. L-effett tal-art jitqies direttament fl-ekwazzjoni ta' kalkolu tad-diffrazzjoni ġenerali.

L-ekwazzjonijiet proposti hawnhekk jintużaw biex tiġi pproċessata d-diffrazzjoni fuq għata rqaq, għata ħoxnin, bini, mogħdijiet tal-ħaxix (naturali jew artifiċjali), u mat-truf tal-imbankmenti, biċċiet ta' pjanti u vijadotti.

Meta jkun hemm diversi ostakoli b'diffrazzjoni fuq passaġġ ta' propagazzjoni, jiġu ttrattati bħala diffrazzjoni multipla billi tiġi applikata l-proċedura deskritta fis-sezzjoni li ġejja dwar il-kalkolu tad-differenza tal-passaġġ.

▼M2

Il-proċeduri ppreżentati hawn jintużaw biex jiġu kkalkolati attenwazzjonijiet kemm f'kundizzjonijiet omoġeni kif ukoll f'kundizzjonijiet favorevoli. It-tgħawwiġ tar-raġġi jittieħed f'kunsiderazzjoni fil-kalkolu tad-differenza tal-passaġġ u sabiex jiġu kkalkolati l-effetti tal-art qabel u wara d-diffrazzjoni.

P r i n ċ i p j i ġ e n e r a l i

Il-Figura 2.5.c turi l-metodu ġenerali ta' kalkolu tal-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni. Dan il-metodu huwa msejjes fuq id-disaggregazzjoni tal-passaġġ ta' propagazzjoni f'żewġ partijiet: il-passaġġ tan-"naħa tas-sors", li jinsab bejn is-sors u l-punt ta' diffrazzjoni, u l-passaġġ tan-'naħa tar-riċevitur', li jinsab bejn il-punt ta' diffrazzjoni u r-riċevitur.

Huma kkalkolati dawn li ġejjin:

— effett tal-art, naħa tas-sors, $\Delta_{ground(S,O)}$

— effett tal-art, naħa tar-riċevitur, $\Delta_{ground(O,R)}$

— u tliet diffrazzjonijiet:


  — bejn is-sors S u r-riċevitur R: $\Delta_{dif(S,R)}$

  — bejn is-sors immaġni S' u R: $\Delta_{dif(S',R)}$

  — bejn S u r-riċevitur tal-immaġni R': $\Delta_{dif(S,R')}$.

Figura 2.5.c

Ġeometrija ta' kalkolu tal-attenwazzjoni minħabba diffrazzjoni



1: Naħa tas-sors

2: Naħa tar-riċevitur

fejn

S huwa s-sors;

R huwa r-riċevitur;

S' huwa s-sors immaġni b'rabta man-naħa tas-sors tal-pjan medju tal-art;

R' huwa r-riċevitur tal-immaġni b'rabta man-naħa tar-riċevitur tal-pjan medju tal-art;

O huwa l-punt ta' diffrazzjoni;

▼M2

z_s huwa l-għoli ekwivalenti tas-sors *S* b'rabta man-naħa tas-sors tal-pjan medju;

$z_{o,s}$ huwa l-għoli ekwivalenti tal-punt tad-diffrazzjoni *O* b'rabta man-naħa tas-sors tal-pjan medju tal-art;

z_r huwa l-għoli ekwivalenti tar-riċevitur *R* b'rabta man-naħa tar-riċevitur tal-pjan medju;

$z_{o,r}$ huwa l-għoli ekwivalenti tal-punt tad-diffrazzjoni *O* b'rabta man-naħa tar-riċevitur tal-pjan medju tal-art.

L-irregolarità tal-art bejn is-sors u l-punt ta' diffrazzjoni, u bejn il-punt ta' diffrazzjoni u r-riċevitur, tittieħed f'kunsiderazzjoni permezz tal-għoli ekwivalenti kkalkolat b'rabta mal-pjan medju tal-art, in-naħa tas-sors l-ewwel u n-naħa tar-riċevitur it-tieni (żewġ pjani medji tal-art), skont il-metodu deskritt fis-subsezzjoni fuq għoli sinifikanti mill-art.

Diffrazzjoni pura

Għal diffrazzjoni pura, b'ebda effetti tal-art, l-attenwazzjoni tinkiseb hekk:

$$\Delta_{dif} = \begin{cases} 10C_h \cdot lg\left(3 + \frac{40}{\lambda} C''\delta\right) & jekk \frac{40}{\lambda} C''\delta \geq -2 \\ 0 & inkella \end{cases} \quad (2.5.21)$$

fejn

$$C_h = 1 \quad (2.5.22)$$

λ huwa t-tul tal-mewġa bil-frekwenza ċentrali nominali tal-banda ta' frekwenzi kkunsidrata;

δ hija d-differenza tal-passaġġ bejn il-passaġġ diffrattat u l-passaġġ dirett (ara s-subsezzjoni li jmiss dwar il-kalkolu tad-differenza tal-passaġġ);

C'' huwa koeffiċjent użat biex jingħata kont lil diffrazzjonijiet multipli:

$C'' = 1$ għal diffrazzjoni waħda.

Għal diffrazzjoni multipla, jekk e hija d-distanza totali tul il-passaġġ, O1 sa O2 + O2 sa O3 + O3 sa O4 mill-"metodu tar-rubber band", (ara l-Figuri 2.5.d u 2.5.f) u jekk *e* taqbeż iż-0.3 m (jew inkella $C'' = 1$), dan il-koeffiċjent huwa ddefinit hekk:

$$C'' = \frac{1 + \left(5\lambda/e\right)^2}{1/3 + \left(5\lambda/e\right)^2} \quad (2.5.23)$$

Il-valuri ta' Δ_{dif} għandhom ikunu limitati:

— jekk $\Delta_{dif} < 0$: $\Delta_{dif} = 0$ dB

— jekk $\Delta_{dif} > 25$: $\Delta_{dif} = 25$ dB għal diffrazzjoni fuq tarf orizzontali u fuq it-terminu Δ_{dif} biss li jidher fil-kalkolu ta' A_{dif}. Dan il-livell superjuri ma għandux jiġi applikat fit-termini ta' Δ_{dif} li jintervjenu fil-kalkolu ta' Δ_{ground}, jew għal diffrazzjoni fuq tarf vertikali (diffrazzjoni vertikali) fil-każ ta' mmappjar tal-istorbju industrijali.

▼M2


Kalkolu tad-differenza tal-passaġġ

Id-differenza tal-passaġġ δ hija kkalkolata fi pjan vertikali li fih is-sors u r-riċevitur. Din hija approssimazzjoni marbuta mal-prinċipju Fermat. L-approssimazzjoni tibqa' applikabbli hawnhekk (linji ta' sors). Id-differenza tal-passaġġ δ hija kkalkolata bħal fil-Figuri li ġejjin, fuq il-bażi tas-sitwazzjonijiet li wieħed jiltaqa' magħhom.

Kundizzjonijiet omoġeni

Figura 2.5.d

Kalkolu tad-differenza tal-passaġġ f'kundizzjonijiet omoġeni. O, O_1 u O_2 huma l-punti ta' diffrazzjoni




Nota: Għal kull konfigurazzjoni, tingħata l-espressjoni ta' δ.

Kundizzjonijiet favorevoli

Figura 2.5.e

Kalkolu tad-differenza tal-passaġġ f'kundizzjonijiet favorevoli (diffrazzjoni waħda)



F'kundizzjonijiet favorevoli, huwa meqjus li t-tliet raġġi akustiċi milwijin ►C1 $\overline{SO}$, $\overline{OR}$ u $\overline{SR}$ ◄ għandhom raġġ identiku tal-kurvatura Γ iddefinita permezz ta':

$$\Gamma = \max(1\,000, 8d) \qquad (2.5.24)$$

It-tul ta' kurva ta' raġġ akustiku MN huwa rrappreżentat $\hat{M}$N minn f'kundizzjonijiet favorevoli. Dan it-tul huwa ekwivalenti għal:

▼**M2**

$$\hat{MN} = 2\Gamma \arcsin\left(\frac{MN}{2\Gamma}\right) \tag{2.5.25}$$

Fil-prinċipju, għandhom jiġu kkunsidrati tliet xenarji fil-kalkolu tad-differenza tal-passaġġ f'kundizzjonijiet favorevoli δ_F (ara l-Figura 2.5.e). Fil-prattika, żewġ ekwazzjonijiet huma biżżejjed:

— jekk ir-raġġ dritt tal-ħoss *SR* huwa mgħotti b'ostakolu (l-ewwel u t-tieni każ fil-Figura 2.5.e):

$$\delta_F = \hat{SO} + \hat{OR} - \hat{SR} \tag{2.5.26}$$

— jekk ir-raġġ dritt tal-ħoss *SR* mhuwiex mgħotti mill-ostakolu (it-tielet każ fil-Figura 2.5.e):

$$\delta_F = 2\hat{SA} + 2\hat{AR} - \hat{SO} - \hat{OR} - \hat{SR} \tag{2.5.27}$$

fejn *A* hija l-intersezzjoni tar-raġġ dritt tal-ħoss *SR* u l-estensjoni tal-ostakolu f'diffrazzjoni.

Għad-diffrazzjonijiet multipli f'kundizzjonijiet favorevoli:

— stabbilixxi l-għatu konvess iddefinit mid-diversi truf potenzjali ta' diffrazzjoni;


— neħħi t-truf ta' diffrazzjoni li mhumiex fil-limitu tal-għatu konvess;

— ikkalkola δ_F fuq il-bażi tat-tul tar-raġġ milwi tal-ħoss, billi tagħmel disaggregazzjoni tal-passaġġ f'diffrazzjoni f'kemm-il segment milwi hemm bżonn (ara l-Figura 2.5.f)

$$\delta_F = \hat{SO}_1 + \sum_{i=1}^{i=n-1} O_i\hat{O}_{i+1} + \hat{O}_n R - \hat{SR} \tag{2.5.28}$$

Figura 2.5.f

Eżempju ta' kalkolu tad-differenza tal-passaġġ f'kundizzjonijiet favorevoli, fil-każ ta' diffrazzjonijiet multipli



Fix-xenarju ppreżentat fil-Figura 2.5.f, id-differenza tal-passaġġ hija:

$$\delta_F = \hat{SO}_1 + O_1\hat{O}_2 + O_2\hat{O}_3 + O_3\hat{O}_4 + \hat{O}_4 R - \hat{SR} \tag{2.5.29}$$

K a l k o l u t a l - a t t e n w a z z j o n i A_{dif}

L-attenwazzjoni dovuta għal diffrazzjoni, filwaqt li jingħata kont lill-effetti tal-art min-naħa tas-sors u min-naħa tar-riċevitur, hija kkalkolata skont l-ekwazzjonijiet ġenerali li ġejjin:

▼M2

$$A_{dif} = \Delta_{dif(S,R)} + \Delta_{ground(S,O)} + \Delta_{ground(O_n,R)} \quad (2.5.30)$$

fejn

— $\Delta_{dif\ (S,R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn is-sors S u r-riċevitur R;

— $\Delta_{ground(S,O)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għall-effett tal-art min-naħa tas-sors, ponderata bid-diffrazzjoni min-naħa tas-sors; fejn huwa mifhum li $O = O_1$ fil-każ ta' diffrazzjonijiet multipli bħal fil-Figura 2.5.f

— $\Delta_{ground(O,R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għall-effett tal-art min-naħa tar-riċevitur, ponderata bid-diffrazzjoni min-naħa tar-riċevitur (ara s-subsezzjoni li ġejja dwar il-kalkolu tat-terminu $\Delta_{ground(O,R)}$).

Kalkolu tat-terminu $\Delta_{ground(S,O)}$

$$\Delta_{ground(S,O)} = -20 \times \lg\left(1 + \left(10^{-A_{ground(S,O)}/20} - 1\right) \cdot 10^{-\left(\Delta_{dif(S',R)} - \Delta_{dif(S,R)}\right)/20}\right) \quad (2.5.31)$$

fejn

— $A_{ground(S,O)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għall-effett tal-art bejn is-sors S u l-punt ta' diffrazzjoni O. Dan it-terminu huwa kkalkolat kif indikat fis-subsezzjoni ta' qabel dwar il-kalkoli f'kundizzjonijiet omoġeni u fis-subsezzjoni ta' qabel dwar il-kalkolu f'kundizzjonijiet favorevoli, bl-ipoteżijiet li ġejjin:

$z_r = z_{o,s}$;

— G_{path} huwa kkalkolat bejn S u O;

— F'kundizzjonijiet omoġeni: $\overline{G}_w = G'_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.17), $\overline{G}_m = G'_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.18);

— F'kundizzjonijiet favorevoli: $\overline{G}_w = G_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.17), $\overline{G}_m = G'_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.20);

— $\Delta_{dif(S',R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn is-sors immaġni S' u R, ikkalkolata bħal fis-subsezzjoni ta' qabel dwar id-diffrazzjoni pura;

— $\Delta_{dif(S,R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn S u R, ikkalkolata bħal fis-Subsezzjoni VI.4.4.b.

Kalkolu tat-terminu $\Delta_{ground(O,R)}$

$$\Delta_{ground(O,R)} = -20 \times \lg\left(1 + \left(10^{-A_{ground(O,R)}/20} - 1\right) \cdot 10^{-\left(\Delta_{dif(S,R')} - \Delta_{dif(S,R)}\right)/20}\right) \quad (2.5.32)$$

fejn

— $A_{ground\ (O,R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għall-effett tal-art bejn il-punt ta' diffrazzjoni O u r-riċevitur R. Dan it-terminu huwa kkalkolat kif indikat fis-subsezzjoni ta' qabel dwar il-kalkolu f'kundizzjonijiet omoġeni u fis-subsezzjoni ta' qabel dwar il-kalkolu f'kundizzjonijiet favorevoli, bl-ipoteżijiet li ġejjin:

$z_s = z_{o,r}$

— G_{path} huwa kkalkolat bejn O u R.

Il-korrezzjoni G'_{path} ma tridx tittieħed f'kunsiderazzjoni hawnhekk peress li s-sors ikkunsidrat huwa l-punt ta' diffrazzjoni. Għaldaqstant, G_{path} tabilħaqq għandu jintuża fil-kalkolu tal-effetti tal-art, inkluż għat-terminu tal-livell inferjuri tal-ekwazzjoni li jsir – $3(1 - G_{path})$.

▼M2

— F'kundizzjonijiet omoġeni, $\overline{G}_{\mathrm{w}} = G_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.17) u $\overline{G}_{\mathrm{m}} = G_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.18);

— F'kundizzjonijiet favorevoli, $\overline{G}_{\mathrm{w}} = G_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.17) u $\overline{G}_{\mathrm{m}} = G_{path}$ fl-Ekwazzjoni (2.5.20);

— $\Delta_{dif(S,R')}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn S u r-riċevitur immaġni R', ikkalkolata bħal fis-sezzjoni ta' qabel dwar id-diffrazzjoni pura;

— $\Delta_{dif(S,R)}$ hija l-attenwazzjoni dovuta għad-diffrazzjoni bejn S u R, ikkalkolata bħal fis-sezzjoni ta' qabel dwar id-diffrazzjoni pura.

Xenarji ta' truf vertikali

L-Ekwazzjoni (2.5.21) tista' tintuża biex jiġu kkalkolati d-diffrazzjonijiet fuq truf vertikali (diffrazzjonijiet laterali) fil-każ ta' storbju industrijali. Jekk dan huwa l-każ, titħaħed $A_{dif} = \Delta_{dif(S,R)}$ u jinżamm it-terminu A_{ground}. Barra minn hekk, A_{atm} u A_{ground} għandhom jiġu kkalkolati mit-tul totali tal-passaġġ ta' propagazzjoni. A_{div} xorta waħda tiġi kkalkolata mid-distanza diretta d. L-Ekwazzjonijiet (2.5.8) u (2.5.6) isiru rispettivament:

$$A_H = A_{div} + A_{atm}^{path} + A_{ground,H}^{path} + \Delta_{dif,H(S,R)} \tag{2.5.33}$$

$$A_F = A_{div} + A_{atm}^{path} + A_{ground,F}^{path} + \Delta_{dif,H(S,R)} \tag{2.5.34}$$

Δ_{dif} tabilħaqq tintuża f'kundizzjonijiet omoġeni fl-Ekwazzjoni (2.5.34).

Riflessjonijiet fuq ostakoli vertikali

Attenwazzjoni permezz tal-assorbiment

Ir-riflessjonijiet fuq ostakoli vertikali huma indirizzati permezz ta' sorsi immaġni. B'hekk, riflessjonijiet fuq faċċati ta' bini u ostakoli tal-istorbju huma ttrattati b'dan il-mod.

Ostakolu jitqies vertikali jekk l-inklinazzjoni tiegħu fir-rigward tal-vertikali hija inqas min 15°.

Meta wieħed jittratta riflessjonijiet fuq oġġetti b'inklinazzjoni fir-rigward tal-vertikali ta' 15° jew iktar, l-oġġett ma jiġix ikkunsidrat.

L-ostakoli b'tal-inqas dimensjoni waħda inqas minn 0,5 m għandhom jiġu injorati fil-kalkolu tar-riflessjoni, ħlief għal konfigurazzjonijiet speċjali. ([1])

Kun af li r-riflessjonijiet fuq l-art mhumiex ikkonċernati hawnhekk. Dawn jingħataw kont fil-kalkoli tal-attenwazzjoni dovuta għal-limitu (art, diffrazzjoni).

Jekk L_{WS} huwa l-livell ta' potenza tas-sors S u α_r il-koeffiċjent ta' assorbiment tas-superfiċje tal-osatkoli kif iddefinit mill-EN 1793-1:2013, f'dak il-każ il-livell tal-potenza tas-sors immaġni S' huwa kkalkolat hekk:

$$L_{WS'} = L_{WS} + 10 \cdot \lg(1 - \alpha_r) = L_{WS} + A_{refl} \tag{2.5.35}$$

fejn $0 \leq \alpha_r < 1$


([1]) Netwerk ta' ostakoli żgħar fi pjan u f'intervalli regolari jikkostitwixxi eżempju wieħed ta' konfigurazzjoni speċjali.

▼M2

Imbagħad jiġu applikati l-attenwazzjonijiet ta' propagazzjoni deskritti hawn fuq għal dan il-passaġġ (sors immaġni, riċevitur), bl-istess mod bħal passaġġ dirett.

Figura 2.5.g

Riflessjoni spekulari fuq ostakolu ttrattata bil-metodu tas-sors immaġni (S: sors, S′: sors immaġni, R: riċevitur)



Attenwazzjoni permezz ta' retrodiffrazzjoni


Fir-riċerka ġeometrika tal-passaġġi tal-ħoss, matul ir-riflessjoni fuq ostakolu vertikali (ħajt ta' lqugħ, bini), il-pożizzjoni tal-impatt tar-raġġ b'rabta mat-tarf ta' fuq ta' dan l-ostakolu tiddetermina s-sehem ftit jew wisq sinifikanti tal-enerġija riflessa b'mod effettiv. Dan it-telf ta' enerġija akustika meta r-raġġ jgħaddi minn riflessjoni jissejjaħ attenwazzjoni permezz ta' retrodiffrazzjoni.

Fil-każ ta' riflessjonijiet multipli potenzjali bejn żewġ ħitan vertikali, tal-inqas għandha tiġi kkunsidrata l-ewwel riflessjoni.

Fil-każ ta' trinka (ara, pereżempju, l-Figura 2.5.h), l-attenwazzjoni permezz ta' retrodiffrazzjoni għandha tiġi applikata għal kull riflessjoni fuq il-ħitan ta' lqugħ.

Figura 2.5.h

Raġġ akustiku rifless fl-ordni ta' 4 f'binarju fi trinka: sezzjoni trażversali proprja (fuq), sezzjoni trażversali mhux mitnija (isfel)



F'din ir-rappreżentazzjoni, ir-raġġ akustiku jasal fir-riċevitur "billi jgħaddi suċċessivament minn ġewwa" l-ħitan ta' lqugħ tat-trinka, li għalhekk jistgħu jitqabblu ma' feħiet.

Meta tiġi kkalkolata l-propagazzjoni ġewwa feħa, il-kamp akustiku fir-riċevitur huwa s-somma tal-kamp dirett u l-kamp diffrattat ħdejn it-truf tal-feħa. Dan il-kamp diffrattat jiżgura l-kontinwità tat-tranżizzjoni bejn

▼M2


iż-żona libera u ż-żona dellija. Meta r-raġġ joqrob lejn tarf il-fetħa, il-kamp dirett jiġi attenwat. Il-kalkolu huwa l-istess bħal dak tal-attenwazzjoni bi lqugħ fiż-żona libera.

Id-differenza tal-passaġġ δ' assoċjata ma' kull retrodiffrazzjoni hija l-kontra tad-differenza tal-passaġġ bejn S u R relattivament f'kull tarf superjuri O, u dan f'dehra skont sezzjoni trażversali skjerata (ara l-Figura 2.5.i).

$$\delta' = -(SO + OR - SR) \tag{2.5.36}$$

Figura 2.5.i

Id-differenza tal-passaġġ għat-tieni riflessjoni



Is-sinjal ta' "tnaqqis" tal-Ekwazzjoni (*2.5.36*) ifisser li hawnhekk ir-riċevitur huwa meqjus li qiegħed fiż-żona libera.

L-attenwazzjoni permezz ta' retrodiffrazzjoni $\Delta_{retrodif}$ tinkiseb bl-Ekwazzjoni (*2.5.37*), li hija simili għall-Ekwazzjoni (*2.5.21*) b'notazzjonijiet maħdumin mill-ġdid.

$$\Delta_{retrodif} = \begin{cases} 10C_h \cdot \lg\left(3 + \frac{40}{\lambda}\delta'\right) & jekka\ \frac{40}{\lambda}\delta' \geq -2 \\ 0 & inkella \end{cases} \tag{2.5.37}$$


Din l-attenwazzjoni hija applikata għar-raġġ dirett kull darba li "tgħaddi minn" (tirrifletti fuq) ħajt jew bini. Għalhekk, il-livell ta' potenza tas-sors immaġni S' isir:

$$L_{W'} = L_W + 10 \times \lg(1 - \alpha_r) - \Delta_{retrodif} \tag{2.5.38}$$

F'konfigurazzjonijiet kumplessi ta' propagazzjoni, jistgħu jkunu jeżistu diffrazzjonijiet bejn riflessjonijiet, jew bejn ir-riċevitur u r-riflessjonijiet. F'dan il-każ, ir-retrodiffrazzjoni mill-ħitan hija stmata billi jiġi kkunsidrat il-passaġġ bejn is-sors u l-ewwel punt ta' diffrazzjoni R' (li għalhekk jitqies bħala r-riċevitur fl-Ekwazzjoni (*2.5.36*)). Dan il-prinċipju huwa muri fil-Figura 2.5.j.

Figura 2.5.j

Id-differenza tal-passaġġ fil-preżenza ta' diffrazzjoni: sezzjoni trażversali proprja (fuq), sezzjoni trażversali mhux mitnija (isfel)



Fil-każ ta' riflessjonijiet multipli, jiżdiedu r-riflessjonijiet dovuti għal kull riflessjoni unika.

▼M2

2.6. **Dispożizzjonijiet ġenerali — Storbju minn inġenji tal-ajru**

2.6.1. *Definizzjonijiet u simboli*

Hawnhekk huma deskritti ċerti *termini* importanti skont it-tifsiriet ġenerali attribwiti lilhom f'dan id-dokument. Il-lista mhijiex eżawrjenti; huma inklużi biss espressjonijiet u akronomi użati spiss. L-oħrajn huma deskritti meta jissemmew l-ewwel darba.

Is-*simboli* matematiċi (elenkati wara t-termini) huma l-iktar użati fl-ekwazzjonijiet fit-test ewlieni. Simboli oħrajn użati lokalment kemm fit-test kif ukoll fl-appendiċijiet huma ddefiniti meta jintużaw.

Kultant il-qarrej jitfakkar dwar l-interkambjabbiltà tal-kliem *ħoss* u *storbju* f'dan id-dokument. Għad li l-kelma *storbju* għandha konnotazzjonijiet soġġettivi — normalment hija ddefinita mill-akustiċi bħala "ħoss mhux mixtieq" — fil-kamp tal-kontroll tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru spiss titqies li tfisser sempliċiment ħoss — enerġija fl-ajru trażmessa b'ċaqliqa ta' mewġa akustika. Is-simbolu → jirrappreżenta kontroreferenzi għal termini oħrajn inklużi fil-lista.

T e r m i n i

AIP	Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika
Konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru	Il-pożizzjonijiet tal-islats, il-flaps u l-attrezzatura għal-landjar.
Moviment tal-inġenju tal-ajru	Wasla, tluq jew azzjoni oħra tal-inġenju tal-ajru li taffettwa l-esponiment għall-istorbju madwar ajrudrom.
Dejta dwar l-istorbju u l-prestazzjoni ta' inġenju tal-ajru	Dejta li tiddeskrivi l-karatteristiċi akustiċi u tal-prestazzjoni ta' tipi differenti ta' ajruplani li huma meħtieġa mill-proċess ta' mmudellar. Tinkludi → *relazzjonijiet tal-NPD* u informazzjoni li tippermetti l-kalkolu tal-forza propulsiva/potenza tal-magna bħala funzjoni ta' → *konfigurazzjoni tat-titjira*. Normalment id-dejta tkun fornuta mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru għad li meta dak ma jkunx possibbli kultant tinkiseb minn sorsi oħrajn. Meta ma jkun hemm ebda dejta disponibbli, huwa normali li l-inġenju tal-ajru kkonċernat jiġi rrappreżentat billi tiġi adattata dejta għal inġenju tal-ajru simili kif xieraq — dan jissejjaħ *sostituzzjoni*.
Altitudni	Għoli fuq il-livell medju tal-baħar.
Database tal-ANP	Id-database dwar l-Istorbju u l-Prestazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru inkluża fl-Appendiċi I.

▼M2

Livell tal-ħoss ponderat, L_A	Il-livell bażiku ta' ħoss/storbju użat għall-kejl tal-istorbju ambjentali inkluż dak minn inġenji tal-ajru u li fuqu hija msejsa ħafna mill-metrija tal-kontorn tal-istorbju.
Trajjettorja taċ-ċentru	Trajjettorja rappreżentattiva jew nominali fuq l-art li tiddefinixxi ċ-ċentru ta' medda ta' trajjettorji.
Livell bażi ta' event ta' storbju	Il-livell ta' event ta' storbju meħud minn database tal-NPD.
Ħlus tal-brejkijiet	→ *Bidu tat-tidwir*
Forza propulsiva netta kkoreġuta	F'parametru tal-potenza partikolari (eż. *EPR* jew N_1) il-forza propulsiva netta tonqos mad-densità tal-arja u b'ħekk anki meta tiżdied l-altitudni tal-inġenju tal-ajru; il-forza propulsiva netta kkoreġuta hija l-valur fil-livell tal-baħar.
Livell kumulattiv ta' ħoss/storbju	Kejl f'deċibel tal-istorbju riċevut tul perjodu speċifikat ta' żmien, f'punt qrib ajruport, minn traffiku tal-ajru-plani li jużaw kundizzjonijiet operattivi u passaġġi tat-titjira normali. Huwa kkalkolat billi b'xi mod jinġabru l-livelli ta' ħoss/storbju ta' event li jseħħ f'dak il-punt.
Somma jew medja ta' deċibel	F'postijiet oħra kultant tissejjaħ valuri tal-"enerġija" jew "logaritmiċi" (għall-kuntrarju ta' aritmetiċi). Tintuża meta jkun xieraq li jingħaddu jew tinstab il-medja tal-kwantitajiet sottostanti li qishom enerġija; eż. *somma ta' deċibel* $= 10 \cdot \lg \sum 10^{L_i/10}$
Frazzjoni ta' enerġija, F	Frazzjoni ta' enerġija, F Proporzjon ta' enerġija tal-ħoss riċevuta minn segment meta mqabbla ma' enerġija riċevuta minn rotta tat-titjira infinita.
Parametru tal-potenza tal-magna	Valur → tal-*parametru tal-potenza b'rabta mal-istorbju* użat għad-determinazzjoni tal-emissjoni ta' storbju mid-database tal-NPD.
Livell ekwivalenti (kontinwu) ta' ħoss, L_{eq}	Kejl tal-ħoss fit-tul. Il-livell ta' ħoss kostanti ipotetiku, li tul perjodu ta' żmien speċifikat, fih l-istess enerġija totali bħall-ħoss varjabbli proprju.

▼**M2**

Livell ta' ħoss/storbju ta' event	Kejl f'deċibel tal-kwantità finita ta' ħoss (jew storbju) riċevut minn ajruplan li għaddej → *livell ta′ espożizzjoni akustika*
Konfigurazzjoni tat-titjira	= → *Konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru* + → *Parametri tat-titjira*
Parametri tat-titjira	Parametru tal-potenza tal-inġenju tal-ajru, il-veloċità, l-angolu ta' inklinazzjoni laterali u l-piż.
Rotta tat-titjira	Il-passaġġ ta' ajruplan mill-arja, iddefinit fi tliet dimensjonijiet, normalment b'referenza għal oriġini tal-bidu tat-tidwir għall-qtugħ jew fis-soll tal-landjar.
Segment tar-rotta tat-titjira	Parti minn rotta tat-titjira ta' inġenju tal-ajru rrappreżentata għal finijiet ta' mmudellar tal-istorbju b'linja dritta b'tul finit.
Proċedura tat-titjira	Is-sekwenza tal-istadji operattivi segwita mill-ekwipaġġ tal-inġenju tal-ajru jew is-sistema ta' ġestjoni tat-titjira: mogħtija bħala bidliet fil-konfigurazzjoni tat-titjira bħala funzjoni tad-distanza tul it-trajjettorja tal-art.
Profil tat-titjira	Varjazzjoni tal-għoli tal-ajruplan tul it-trajjettorja tal-art (kultant tinkludi bidliet → fil-*konfigurazzjoni tat-titjira* wkoll) — deskritta minn sett ta' → *punti ta′ profil*
Pjan tal-art	(Jew Pjan Nominali tal-Art) Superfiċje orizzontali tal-art permezz tal-punt ta' referenza tal-ajrudrom li fuqu normalment jiġu kkalkolati l-kontorni.
Veloċità fuq l-art	Il-veloċità tal-inġenju tal-ajru b'rabta ma' punt fiss fuq l-art.
Trajjettorja tal-art	Il-projezzjoni vertikali tar-rotta tat-titjira fuq il-pjan tal-art.
Għoli	Id-distanza vertikali bejn l-inġenju tal-ajru u → *pjan tal-art*
Livell integrat ta' pressjoni tal-ħoss	Imsejjaħ ukoll → *livell ta′ espożizzjoni akustika ta′ event wieħed*.

▼**M2**

ISA	Atmosfera Standard Internazzjonali — iddefinita mill-ICAO. Tiddefinixxi l-varjazzjoni fit-temperatura tal-arja, il-pressjoni u d-densità f'punti ogħla mil-livell medju tal-baħar. Użata biex tinnormalizza r-riżultati tal-kalkoli tad-disinn tal-inġenji tal-ajru u l-analiżi tad-dejta tat-testijiet.
Attenwazzjoni laterali	Attenwazzjoni żejda tal-ħoss b'distanza attribwibbli, b'mod dirett jew indirett, għall-preżenza tas-superfiċje tal-art. Sinifikanti f'angoli baxxi ta' elevazzjoni (tal-inġenju tal-ajru fuq il-pjan tal-art)
Livell massimu ta' storbju/ħoss	Il-livell massimu ta' ħoss milħuq tul event
Livell Medju tal-Baħar, *MSL*	L-elevazzjoni standard tal-wiċċ tal-art li għaliha hija rriferita → ISA.
Forza propulsiva netta	Il-forza propulsiva magħmula minn magna fuq il-qafas tal-inġenju tal-ajru.
Storbju	Storbju huwa ddefinit bħala ħoss mhux mixtieq. Iżda l-metrija bħal-*livell ta' pressjoni tal-ħoss ponderat A* (L_A) u l-*livell effettiv ta' storbju perċepit* (EPNL) tikkonverti b'mod effettiv il-livelli ta' ħoss f'livelli ta' storbju. Minkejja nuqqas konsegwenti ta' speċifiċità, it-termini ħoss u storbju kultant jintużaw minflok xulxin f'dan id-dokument, bħal f'dokumenti oħrajn — speċjalment b'rabta mal-kelma *livell*.
Kontorn tal-istorbju	Linja ta' valur kostanti ta' indiċi jew livell kumulattiv ta' storbju ta' inġenju tal-ajru madwar ajruport
Impatt tal-istorbju	L-effett(i) avvers(i) tal-istorbju fuq ir-riċevituri tiegħu; ta' min jgħid li huwa implikat li l-metrija tal-istorbju hija indikatur tal-impatt tal-istorbju

▼**M2**

Indiċi tal-istorbju	Kejl tal-ħoss kumulattiv jew fit-tul li huwa marbut mal-effetti tiegħu fuq in-nies (jiġifieri huwa meqjus bħala predikatur ta' dawn l-effetti). Jista' jagħti kont lil fatturi oħrajn minbarra l-qawwa tal-ħoss (speċjalment il-ħin tal-ġurnata). Eżempju huwa l-livell jum-filgħaxija-lejl L_{DEN}.
Livell ta' storbju	Kejl f'deċibel tal-ħoss fuq skala li tindika kemm huwa kbir jew kemm huwa storbjuż il-ħoss. Għal storbju ambjentali minn inġenji tal-ajru, ġeneralment jintużaw żewġ skali: il-livell ta' pressjoni tal-ħoss ponderat A u l-Livell ta' Storbju Perċepit. Dawn l-iskali japplikaw ponderazzjonijiet differenti għall-ħoss ta' frekwenzi differenti — biex jimitaw il-perċezzjoni tal-bniedem.
Metrija tal-ħoss	Espressjoni użata biex tiddeskrivi kwalunkwe kejl ta' kwantità ta' ħoss f'pożizzjoni ta' riċevitur kemm jekk huwa event wieħed jew akkumulazzjoni ta' storbju tul ħin estiż. Hemm żewġ kejliet użati spiss għall-istorbju ta' event wieħed: il-*livell massimu* milħuq matul l-avveniment, jew il-*livell ta' espożizzjoni akustika* tiegħu, kejl tal-enerġija tal-ħoss totali tiegħu stabbilit bl-integrazzjoni tal-ħin.
Relazzjonijiet/dejta dwar storbju-potenza-distanza (NPD)	Livelli ta' event ta' storbju miġburin f'tabella bħala funzjoni tad-distanza taħt ajruplan f'titjira f'livell kostanti b'veloċità ta' referenza f'atmosfera ta' referenza, għal kull wieħed minn għadd ta' → *parametri tal-potenza tal-magna*. Id-dejta tagħti kont lill-effetti tal-passaġġ ta' propagazzjoni dovuti għal tifrix tal-mewġ sferiku (liġi tal-kwadrat invers) u l-assorbiment atmosferiku. Id-distanza hija ddefinita b'mod perpendikolari għar-rotta tat-titjira tal-ajruplan u l-assi tal-ġwienaħ tal-inġenju tal-ajru (jiġifieri veritkalment taħt l-inġenju tal-ajru f'titjira mingħajr inklinazzjoni laterali).

▼**M2**

Parametru tal-potenza b'rabta mal-istorbju	Parametru li jiddeskrivi jew jindika l-isforz propulsiv iġġenerat min magna ta' inġenju tal-ajru li miegħu loġikament tista' tkun relatata emissjoni tal-potenza akustika; normalment jitqies li huwa → f*orza propulsiva netta kkoreġuta*. Spiss informalment imsejjaħ "potenza" jew "parametru tal-potenza" fit-test.
Sinifikanza tal-istorbju	Il-kontribuzzjoni minn segment tar-rotta tat-titjira hija "sinifikanti għall-istorbju" jekk dan jaffettwa l-livell ta' storbju ta' event sa ċertu punt apprezzabbli. Bit-twarrib ta' segmenti li mhumiex sinifikanti għall-istorbju jiġu ffrankati sforzi enormi fl-ipproċessar tal-kompjuter
Osservatur	→ *Riċevitur*
Stadji proċedurali	Preskrizzjoni għat-titjira ta' profil — l-istadji jinkludu bidliet fil-veloċità u/jew l-altitudni.
Punt ta' profil	L-għoli ta' punt ta' tmiem ta' segment ta' rotta tat-titjira — fi pjan vertikali 'l fuq mit-trajjettorja tal-art
Riċevitur	Riċevitur tal-istorbju li jasal minn sors; primarjament f'punt fuq jew qrib is-superfiċje tal-art
Atmosfera ta' referenza	Tqegħid f'tabella tar-rati ta' assorbiment tal-ħoss użat biex tiġi standardizzata d-dejta NPD (ara l-**Appendiċi D**)
Ġurnata ta' referenza	Sett ta' kundizzjonijiet atmosferiċi li fihom tiġi standardizzata d-dejta dwar l-ANP
Durata ta' referenza	Intervall ta' ħin nominali użat biex jiġi standardizzat il-kejl tal-livell ta' espożizzjoni akustika ta' event wieħed; ikun ta' sekonda (1) fil-każ ta' → *SEL*.
Veloċità ta' referenza	Veloċità fuq l-art tal-ajruplan li għaliha d-dejta *NPD* → *SEL* hija normalizzata
SEL	→ *Livell ta' espożizzjoni akustika*
Il-livell ta' espożizzjoni akustika ta' event wieħed	Il-livell ta' ħoss li event ikollu li kieku l-enerġija tal-ħoss kollha tiegħu kellha tiġi kkumpressata b'mod uniformi f'intervall ta' ħin standard magħruf bħala → *d-durata ta' referenza*

▼**M2**

Art ratba	Superfiċje tal-art li hija akustikament "ratba", tipikament bil-ħaxix, madwar ħafna mill-ajrudromi. Superfiċji tal-art akustikament ibsin, jiġifieri ferm riflettivi, jinkludu konkrit u ilma. Il-metodoloġija dwar il-kontorn tal-istorbju deskritta hawn tapplika għal kundizzjonijiet ta' art ratba.
Ħoss	Enerġija trażmessa mill-arja permezz ta' ċaqliq tal-mewġ (lonġitudinali) li jinħass mill-widna
Attenwazzjoni tal-ħoss	It-tnaqqis fl-intensità tal-ħoss b'distanza tul attenwazzjoni tal-ħoss. Għal storbju tal-inġenju tal-ajru, il-kawżi tiegħu jinkludu tifrix tal-mewġ sferiku, assorbiment atmosferiku u → *attenwazzjoni laterali*
Espożizzjoni akustika	Kejl tal-immissjoni totali tal-enerġija tal-ħoss tul perjodu ta' żmien
Livell ta' Espożizzjoni Akustika, L_{AE}	(Akronimu SEL) Metrija standardizzata fl-ISO 1996-1 jew l-ISO 3891 = Livell ta' espożizzjoni akustika ponderat A ta' event wieħed irreferenzjat għal sekonda.
Intensità tal-ħoss	Is-saħħa tal-immissjoni tal-ħoss f'punt — b'rabta mal-enerġija akustika (u indikata minn livelli ta' ħoss imkejlin)
Livell ta' pressjoni tal-ħoss	Kejl tal-enerġija tal-ħoss mogħti f'unitajiet ta' deċibel. Il-ħoss riċevut jitkejjel bil-'ponderazzjoni tal-frekwenza' jew mingħajr; livelli mkejlin b'ponderazzjoni spiss jissejħu → *livelli ta' storbju*
Tul ta' titjira medja/vjaġġ	Distanza sal-ewwel destinazzjoni tal-inġenju tal-ajru tielaq; meħuda bħala indikatur tal-piż ta' inġenju tal-ajru
Bidu tat-Tidwir, *SOR*	Il-punt fuq ir-runway li minnu l-inġenju tal-ajru jibda l-qtugħ tiegħu. Jissejjaħ ukoll "rilaxx tal-brejkijiet".
Veloċità ajrudinamika reali	Veloċità proprja tal-inġenju tal-ajru b'rabta mal-arja (= veloċità fuq l-art f'ajru kalm)

▼**M2**

Livell ekwivalenti ta' pressjoni tal-ħoss ponderat, $L_{eq,W}$	Verżjoni mmodifikata ta' L_{eq} li fiha jiġu assenjati ponderazzjonijiet differenti għall-istorbju li jseħħ tul perjodu differenti tal-ġurnata (normalment tul il-jum, filgħaxija u billejl)

Simboli

d	L-iqsar distanza minn punt ta' osservazzjoni sa segment ta' rotta tat-titjira
d_p	Id-distanza perpendikolari minn punt ta' osservazzjoni sar-rotta tat-titjira (distanza oblika jew medda oblika)
d_λ	Id-distanza skalata
F_n	Il-forza propulsiva netta proprja għal kull magna
F_n/δ	Il-forza propulsiva netta kkoreġuta għal kull magna
h	L-altitudni tal-inġenju tal-ajru (iktar mill-MSL)
L	Il-livell ta' storbju ta' event (skala mhux iddefinita)
$L(t)$	Il-livell ta' pressjoni tal-ħoss fil-ħin t (skala mhux iddefinita)
L_A, $L_A(t)$	Il-livell ta' pressjoni tal-ħoss ponderat A (fil-ħin t) — imkejjel fuq l-iskala tal-metru *kajmana* tal-livell ta' pressjoni tal-ħoss
L_{AE}	(SEL) Il-livell ta' espożizzjoni akustika
L_{Amax}	Il-valur massimu ta' $L_A(t)$ matul event
L_E	Il-livell ta' espożizzjoni akustika ta' event wieħed
$L_{E,\infty}$	Il-livell ta' espożizzjoni akustika ta' event wieħed stabbilit mid-database tal-NPD
L_{EPN}	Il-livell effettiv ta' storbju perċepit
L_{eq}	Il-livell ta' pressjoni tal-ħoss ekwivalenti (kontinwu)
L_{max}	Il-valur massimu ta' $L(t)$ matul event
$L_{max,seg}$	Il-livell massimu ġġenerat minn segment
ℓ	Id-distanza perpendikolari minn punt ta' osservazzjoni sat-trajjettorja tal-art
lg	Il-logaritma għall-bażi 10
N	In-numru ta' segmenti jew subsegmenti
NAT	In-numru ta' eventi b'L_{max} li jaqbżu limitu speċifikat
P	Il-parametru tal-potenza fil-varjabbli tal-NPD $L(P,d)$
P_{seg}	Il-parametru tal-potenza rilevanti għal segment partikolari
q	Id-distanza mill-bidu tas-segment sal-eqreb punt ta' avviċinament
R	Ir-raġġ tal-liwja
S	Id-devjazzjoni standard

▼**M2**

s	Id-distanza tul it-trajjettorja tal-art
s_{RWY}	It-tul tar-runway
t	Il-ħin
t_e	Id-durata effettiva ta' event akustiku wieħed
t_0	Il-ħin ta' referenza għal livell integrat ta' pressjoni tal-ħoss
V	Il-veloċità fuq l-art
V_{seg}	Il-veloċità fuq l-art ekwivalenti tas-segment
V_{ref}	Il-veloċità fuq l-art ta' referenza li għaliha hija ddefinita dejta NPD
x,y,z	Il-koordinati lokali
x',y',z'	Il-koordinati tal-inġenju tal-ajru
X_{ARP},Y_{ARP},Z_{ARP}	Il-pożizzjoni tal-punt ta' riferiment tal-ajrudrom f'koordinati ġeografiċi
z	L-għoli tal-inġenju tal-ajru mill-pjan tal-art/punt ta' riferiment tal-ajrudrom
α	Il-parametru użat għall-kalkolu tal-korrezzjoni tas-segment finit Δ_F
β	L-angolu ta' elevazzjoni tal-inġenju tal-ajru fir-rigward tal-pjan tal-art
ε	L-angolu ta' inklinazzjoni laterali tal-inġenju tal-ajru
γ	L-angolu tat-tlugħ /tal-inżul
φ	L-angolu ta' dipressjoni (parametru tad-direttività laterali)
λ	It-tul totali tas-segment
ψ	L-angolu bejn id-direzzjoni tal-moviment tal-inġenju tal-ajru u d-direzzjoni lejn l-osservatur
ξ	Id-direzzjoni tal-inġenju tal-ajru, imkejla favur l-arloġġ mit-tramuntana manjetika
$\Lambda(\beta,\ell)$	L-attenwazzjoni laterali mill-arja sal-art
$\Lambda(\beta)$	L-attenwazzjoni laterali mill-arja sal-art fuq distanza twila
$\Gamma(\ell)$	Il-fattur tad-distanza tal-attenwazzjoni laterali
Δ	Il-bidla fil-valur ta' kwantità, jew korrezzjoni (kif indikata fit-test)
Δ_F	Il-korrezzjoni tas-segment finit
Δ_I	Il-korrezzjoni tal-installazzjoni tal-magna
Δ_i	Il-ponderazzjoni għall-perjodu tal-ħin tal-ġurnata numru i, dB
Δ_{rev}	Il-forza propulsiva invertita

▼**M2**

Δ_{SOR}	Il-korrezzjoni tal-bidu tat-tidwir
Δ_V	Il-korrezzjoni tad-durata (veloċità)

Subskritti

1, 2	Subskritti li jiddenotaw il-valuri ta' bidu u tmiem ta' intervall jew segment
E	L-espożizzjoni
i	L-indiċi ta' għadd tat-tip/kategorija tal-inġenji tal-ajru
j	L-indiċi ta' għadd tas-subtrajjettorji/trajjettorja tal-art
k	L-indiċi ta' għadd tas-segmenti
max	Il-massimu
ref	Il-valur ta' referenza
seg	Il-valur tas-segment speċifiku
SOR	Relatat mal-bidu tat-tidwir
TO	Il-qtugħ

2.6.2. *Qafas tal-kwalità*

Preċiżjoni tal-valuri mdaħħlin

Il-valuri kollha mdaħħlin li jaffettwaw il-livell ta' emissjoni ta' sors, inkluża l-pożizzjoni tas-sors, għandhom jiġu stabbiliti b'tal-inqas il-preċiżjoni li tikkorrispondi għal inċertezza ta' ± 2dB(A) fil-livell ta' emissjoni tas-sors (biex il-parametri kollha l-oħrajn jibqgħu mhux l-istess).

Użu tal-valuri prestabbiliti

Fl-applikazzjoni tal-metodu, id-dejta mdaħħla għandha tirrifletti l-użu attwali. B'mod ġenerali ma għandu jkun hemm ebda dipendenza fuq valuri mdaħħlin prestabbiliti jew suppożizzjonijiet. B'mod speċifiku, ir-rotot tat-titjira derivati minn dejta mir-radar sabiex jinkisbu r-rotot tat-titjira għandhom jintużaw kull meta jkunu jeżistu u jkunu ta' kwalità suffiċjenti. Valuri u suppożizzjonijiet prestabbiliti mdaħħlin huma aċċettati, pereżempju, sabiex jintużaw rotot immudellati minflok rotot tat-titjira derivati mir-radar, jekk il-ġbir ta' dejta reali jkun marbut ma' spejjeż għoljin wisq.

Kwalità tas-softwer użat għall-kalkoli

Is-softwer użat biex isiru l-kalkoli għandu juri li huwa konformi mal-metodi deskritti hawnhekk permezz ta' ċertifikazzjoni tar-riżultati minn każijiet eżaminati.

▼M2

2.7. **Storbju tal-inġenji tal-ajru**

2.7.1. *Għan u kamp ta' applikazzjoni tad-dokument*

Il-mapep tal-kontorni jintużaw biex jindikaw il-firxa u d-daqs tal-impatt tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru madwar l-ajruporti, u dak l-impatt jiġi indikat b'valuri ta' indiċi jew metrija tal-ħoss speċifikati. Kontorn huwa linja li matulha l-valur tal-indiċi jibqa' kostanti. Il-valur tal-indiċi jaggrega b'xi mod l-eventi ta' storbju tal-inġenji tal-ajru individwali kollha li jseħħu matul perjodu speċifikat ta' żmien, normalment imkejjel f'jiem jew xhur.

